



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2013/0137(COD)

20.12.2013

EMENDI 75 - 274

Abbozz ta' opinjoni
Pilar Ayuso
(PE522.867v01-00)

dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti
(il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)

Proposta għal regolament
(COM(2013)0262 – C7-0121/2013 – 2013/0137(COD))

AM\1013313MT.doc

PE526.081v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_LegOpinion

Emenda 75

Pavel Poc, Matthias Groote, Karin Kadenbach, Kriton Arsenis, Linda McAvan, Åsa Westlund, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Göran Färm

**Proposta għal regolament
Titolu 0**

Proposta għal każda

***Il-Kumitat għall-ambjent, is-saħħa
pubblika u s-sikurezza tal-ikel jitlob lill-
Kumitat għall-agrikoltura u l-iżvilupp
rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex
jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Ir-riskju tal-approċċ “wieħed tajjeb għal kulħadd” ta’ dan il-qafas legali ma jissodisfax ir-
rekwiżiti differenti li jirriżultaw mill-varjetà wiesgħa tal-materjal riproduttiv tal-pjanti
eżistenti u l-ħtiġijiet tal-operaturi, il-konsumaturi u l-awtoritajiet kompetenti. Il-kumplessità
tista’ toħloq piżijiet bla bżonn għall-operaturi, u inqas għażliet u inqas trasparenza għall-
konsumaturi. In-numru kbir ta’ atti delegati fil-proposta huwa element ieħor li jfixkel il-
valutazzjoni xierqa tal-konsegwenzi.*

Emenda 76

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

**Proposta għal regolament
Titolu 0**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa
Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden
lill-Kumitat responsabbli għall-
Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali biex
jipproponi każda tal-proposta tal-
Kummissjoni.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-proposta dwar il-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u d-disponibbiltà tiegħu fis-suq għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha. L-intenzjoni tal-proposta, jiġifieri li twassal għal simplifikazzjoni u armonizzazzjoni f'dan il-qasam, ma ntlaħqitx. Minflok, jinħoloq piż amministrattiv mhux prevedibbli u mhux raġonevoli għall-Istati Membri, l-istabbilimenti kkonċernati u l-produtturi.

Emenda 77

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Titolu 0

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ***il-produzzjoni u d-disponibbiltà*** fis-
suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi
tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ***id-disponibbiltà*** fis-suq ta' materjal
riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal
riproduttiv tal-pjanti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fokus tal-liġi huwa b'mod ċar il-kummerċjalizzazzjoni, u mhux il-produzzjoni, tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM).

Emenda 78

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Titolu 0

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Il-Kumitat għall-ambjent, is-saħħa
pubblika u s-sikurezza tal-ikel jitlob lill-***

Kumitat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 79

Satu Hassi, Karin Kadenbach, Corinne Lepage

Proposta għal regolament

Titolu 0

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Proposta għal

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ***il-produzzjoni u d-disponibbiltà*** fis-
suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi
tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)

dwar ***id-disponibbiltà*** fis-suq ta' materjal
riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal
riproduttiv tal-pjanti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

***(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-
adozzjoni tagħha timponi bidliet
korrispondenti fit-test kollu.)***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Attwalment, ir-regoli dwar iż-żrieragħ huma stabbiliti f'diversi Direttivi. Regolament ikun qed ikompli u jżid il-limitazzjonijiet attwali kontra l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' varjetajiet tradizzjonali, reġjonali jew organiċi u ma jippermettix lill-Istati Membri jippermettu li attivitajiet fuq skala żgħira ta' faddala taż-żrieragħ u nissiela żgħar jikkummerċjalizzaw iż-żrieragħ barra mis-sistema ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni. Direttiva toħloq ambjent aħjar li jippermetti t-twaqqif tal-erożjoni ġenetika fost l-ispeċijiet agrikoli.

Emenda 80

João Ferreira

f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal regolament
Titolu 0**

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL**

*dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-
suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-
liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Emenda

Proposta għal *ċaħda*

**IL-PARLAMENT EWROPEW jiċħad il-
proposta ta' Kummissjoni dwar il-
produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta'
materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-
materjal riproduttiv tal-pjanti)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. pt

Emenda 81

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Premessa 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

*(e) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE
tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-
marketing ta' materjali riproduttivi tal-
foresti;*

Emenda

imħassar

⁶ *ĠUL 11, 15.1.2000, p. 17.*

Or. de

Emenda 82

Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Premessa 2

(2) L-għan bażiku ta' dawn id-Direttivi huwa produzzjoni agrikola, ortikulturali u **forestrali** sostenibbli. Sabiex tkun żgurata l-produttività, **is-saħħa, il-kwalità u d-diversità** tal-materjal riproduttiv tal-pjanti **huma ferm importanti** għall-agrikoltura, l-ortikultura, is-sigurtà tal-ikel u l-għalf u l-ekonomija inġenerali. Barra minn hekk biex tiżgura s-sostenibbiltà, il-leġislazzjoni għandha tqis il-bżonn li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi, ħalli tkun żgurata l-adattabbiltà tal-produzzjoni għal bosta kundizzjonijiet agrikoli, ortikulturali u ambjentali differenti, jintlaqgħu l-isfidi tat-tibdil fil-klima u jiżdied il-ħarsien tal-agribiodiversità.

(2) L-għan bażiku ta' dawn id-Direttivi huwa produzzjoni agrikola, ortikulturali u **forestali** sostenibbli. **Għal dan il-għan, dawn id-Direttivi jirregolaw id-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti mmirat lejn l-isfruttament kummerċjali.** Sabiex tkun żgurata l-produttività, **u ċerta kwalità tal-leġislazzjoni** tal-materjal riproduttiv tal-pjanti **dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti tista' tkun utli** għall-agrikoltura, l-ortikultura, is-sigurtà tal-ikel u l-għalf u l-ekonomija inġenerali Barra minn hekk biex tiżgura s-sostenibbiltà, il-leġislazzjoni għandha tqis il-bżonn li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi, ħalli tkun żgurata l-adattabbiltà tal-produzzjoni għal bosta kundizzjonijiet agrikoli, ortikulturali u ambjentali differenti, jintlaqgħu l-isfidi tat-tibdil fil-klima u jiżdied il-ħarsien tal-agribiodiversità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-leġislazzjoni ma tiżgurax is-saħħa tal-pjanti. Għal dan il-għan, teżisti leġislazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti. Barra minn hekk, iż-żrieragħ mhumiex vettur tajjeb għall-pesti. Il-kontrolli ex post għandhom prestazzjoni perfetta fil-leġislazzjoni eżistenti. M'hemmx il-bżonn li din tiġi estiża. Barra minn hekk, il-leġislazzjoni eżistenti kkontribwixxiet għal tnaqqis fil-bijodiversità agrikola. Id-Direttivi msemija ma jistgħux jitqiesu li jiżguraw id-diversità tal-PRM.

Emenda 83
Kathleen Van Brempt

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-għan bażiku ta' dawn id-Direttivi huwa produzzjoni agrikola, ortikulturali u **forestrali** sostenibbli. **Sabiex tkun żgurata l-produttività, is-saħħa, il-kwalità u d-diversità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti huma ferm importanti għall-agrikoltura, l-ortikultura, is-sigurtà tal-ikel u l-għalf u l-ekonomija iġenerali. Barra minn hekk** biex tiżgura s-sostenibbiltà, il-leġislazzjoni għandha tqis il-bżonn li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi, ħalli tkun żgurata l-adattabbiltà tal-produzzjoni għal bosta kundizzjonijiet agrikoli, ortikulturali u ambjentali differenti, jintlaqgħu l-isfidi tat-tibdil fil-klima u jiżdied il-ħarsien tal-agribiodiversità.

Emenda

(2) L-għan bażiku ta' dawn id-Direttivi huwa produzzjoni agrikola, ortikulturali u **forestali** sostenibbli. Biex tiżgura s-sostenibbiltà, il-leġislazzjoni għandha tqis il-bżonn li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi, ħalli tkun żgurata l-adattabbiltà tal-produzzjoni għal bosta kundizzjonijiet agrikoli, ortikulturali u ambjentali differenti, jintlaqgħu l-isfidi tat-tibdil fil-klima u jiżdied il-ħarsien tal-agribiodiversità. **Barra minn hekk, sabiex tkun żgurata l-produttività, is-saħħa, il-kwalità u d-diversità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti huma ferm importanti għall-agrikoltura, l-ortikultura, is-sigurtà tal-ikel u l-għalf u l-ekonomija iġenerali.**

Or. nl

Emenda 84

Martin Kastler, Richard Seeber, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-għan bażiku ta' dawn id-Direttivi huwa produzzjoni agrikola, ortikulturali u **forestrali** sostenibbli. Sabiex tkun żgurata l-produttività, is-saħħa, il-kwalità u d-diversità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti huma ferm importanti għall-agrikoltura, l-ortikultura, is-sigurtà tal-ikel u l-għalf u l-ekonomija iġenerali. Barra minn hekk biex tiżgura s-sostenibbiltà, il-leġislazzjoni għandha tqis il-bżonn li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi, ħalli tkun żgurata l-adattabbiltà tal-produzzjoni għal bosta kundizzjonijiet agrikoli, ortikulturali u ambjentali differenti, jintlaqgħu l-isfidi tat-tibdil fil-klima u jiżdied il-ħarsien tal-agribiodiversità.

Emenda

(2) L-għan bażiku ta' dawn id-Direttivi huwa produzzjoni agrikola, ortikulturali u **forestali** sostenibbli **kif ukoll il-konservazzjoni proattiva tal-bijodiversità naturali fl-Ewropa**. Sabiex tkun żgurata l-produttività, is-saħħa, il-kwalità u d-diversità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti huma ferm importanti għall-agrikoltura, l-ortikultura, is-sigurtà tal-ikel u l-għalf u l-ekonomija iġenerali. Barra minn hekk biex tiżgura s-sostenibbiltà, il-leġislazzjoni għandha tqis il-bżonn li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi, ħalli tkun żgurata l-adattabbiltà tal-produzzjoni għal bosta kundizzjonijiet agrikoli, ortikulturali u ambjentali differenti, jintlaqgħu l-isfidi

tat-tibdil fil-klima u jiżdied il-ħarsien tal-agribiodiversità. *Barra minn hekk, l-UE tista' taħdem b'mod proattiv għas-sopravivenza ta' varjetajiet qodma u rari kif ukoll għall-varjetajiet tal-konservazzjoni u r-razez lokali permezz tal-ħolqien ta' netwerk ta' banek tal-ġeni fl-Ewropa kollha ("EuropArch") – jekk ikun meħtieġ bl-appoġġ ta' dokumentazzjoni Ewropea ex situ affiljata mal-Aġenzija ("BioEuropeana").*

Or. de

Emenda 85
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-evoluzzjoni tal-oqsma tal-agrikoltura, ortikultura, il-forestrija, it-tnissil tal-pjanti u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti wriet li l-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tiġi ssimplifikata u adattata aktar għall-iżviluppi fis-settur. Għalhekk, dawn id-Direttivi għandhom jinbidlu b'Regolament wieħed dwar **il-produzzjoni, bil-ħsieb ta' disponibbiltà** fis-suq, u **d-disponibbiltà fis-suq** ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni.

Emenda

(3) **L-agrikoltura tiffaċċja sfidi ambjentali ġodda inkluż it-tibdil fil-klima u t-telf tal-biodiversità. Il-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tqis aħjar din is-sitwazzjoni attwali kif ukoll it-tibdil tal-konsumaturi f'terminu ta' konsum.** Barra minn hekk, l-evoluzzjoni tal-oqsma tal-agrikoltura, ortikultura, il-forestrija, it-tnissil tal-pjanti u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti wriet li l-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tiġi ssimplifikata u adattata aktar għall-iżviluppi fis-settur. Għalhekk, dawn id-Direttivi għandhom jinbidlu b'Regolament wieħed dwar **id-disponibbiltà** fis-suq, ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ambjent għadu sa issa problema sottovalutata fil-leġiżlazzjonijiet eżistenti li jittrattaw l-agrikoltura. L-indikaturi ambjentali bħall-biodiversità agrikola, meħtieġa għall-ħolqien ta'

varjetajiet ġodda fil-futur, għandhom jiġu l-ewwel, sabiex ikollna “regolamentazzjoni aħjar” ta’ veru, b’perspettiva fit-tul. Anke t-tibdil tal-konsumaturi f’termini ta’ konsum għandu jittqies aħjar fil-leġiżlazzjoni u jiġi l-ewwel.

Emenda 86
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex ***jinstab*** il-kamp ta’ applikazzjoni tal-bosta dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament, hemm bżonn li ssir definizzjoni ta’ “operatur professjonist” u “disponibbiltà fis-suq”. B’mod partikolari, ***fid-dawl tal-iżviluppi fil-kummerċjalizzazzjoni tas-suq***, id-definizzjoni ta’ “disponibbiltà fis-suq” għandha tkun ***wiesgħa kemm jista’ jkun*** biex ***tiżgura*** kull forma ta’ tranżazzjoni ta’ materjal riproduttiv tal-pjanti. Id-definizzjoni għandha tinkludi fost l-oħrajn persuni li jbigħu b’kuntratti mill-bogħod (eż. b’mod elettroniku) u ***persuni li jiġbru*** materjal ***bażiku tal-foresti***.

Emenda

(6) Sabiex ***jiġi stabbilit*** il-kamp ta’ applikazzjoni tal-bosta dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament, hemm bżonn li ssir definizzjoni ta’ “operatur professjonist” u “disponibbiltà fis-suq”. B’mod partikolari, id-definizzjoni ta’ “disponibbiltà fis-suq” għandha tkun ***konċiża*** biex ***tkopri*** kull forma ta’ tranżazzjoni ***mmirata lejn l-isfruttament kummerċjali*** ta’ materjal riproduttiv tal-pjanti. Id-definizzjoni għandha tinkludi fost l-oħrajn persuni li jbigħu ***volumi*** b’kuntratti mill-bogħod (eż. b’mod elettroniku). ***B’kunsiderazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità, dawk li mhum iex professjonisti u l-bdiewa li jiskambjaw iż-żrieragħ bejniethom jew ma’ individwi m’għandhomx jittqiesu li “qed jagħmlu disponibbiltà fis-suq ta’ materjal riproduttiv tal-pjanti”. Il-bdiewa li jiskambjaw iż-żrieragħ mill-azjenda agrikola tagħhom stess u f’isimhom stess m’għandhomx jittqiesu bħala operaturi professjonisti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tkun f’konformità mal-proposta għal emenda li tikkonċerna l-Premessa 2 u l-estensjoni mhux meħtieġa tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Emenda 87

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex ***jinstab*** il-kamp ta' applikazzjoni tal-bosta dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, hemm bżonn li ssir definizzjoni ta' "operatur professjonist" u "disponibbiltà fis-suq". B'mod partikolari, fid-dawl tal-iżviluppi fil-kummerċjalizzazzjoni tas-suq, id-definizzjoni ta' "disponibbiltà fis-suq" għandha tkun wiesgħa kemm jista' jkun biex tiżgura kull forma ta' tranżazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti. Id-definizzjoni għandha tinkludi fost l-oħrajn persuni li jbigħu b'kuntratti mill-bogħod (eż. b'mod elettroniku) ***u persuni li jgħbru materjal bażiku tal-foresti.***

Emenda

(6) Sabiex ***jiġi stabbilit*** il-kamp ta' applikazzjoni tal-bosta dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, hemm bżonn li ssir definizzjoni ta' "operatur professjonist" u "disponibbiltà fis-suq". B'mod partikolari, fid-dawl tal-iżviluppi fil-kummerċjalizzazzjoni tas-suq, id-definizzjoni ta' "disponibbiltà fis-suq" għandha tkun wiesgħa kemm jista' jkun biex tiżgura kull forma ta' tranżazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti. Id-definizzjoni għandha tinkludi fost l-oħrajn persuni li jbigħu b'kuntratti mill-bogħod (eż. b'mod elettroniku).

Or. de

Emenda 88

Linda McAvan

Proposta għal regolament

Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Il-ġenniena u l-bdiewa privati, li jużaw iż-żrieragħ u l-pjanti u jipproduċuhom għall-konsum tagħhom stess, mhumiex koperti b'dan ir-Regolament. Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti mmirat lejn l-isfruttament kummerċjali.

Or. en

Emenda 89
Giancarlo Scottà

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Minħabba l-bżonnijiet tal-produtturi u r-rekwiżiti għall-flessibbiltà u l-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub biss għall-finijiet ta' ttestjar, xjentifiċi u ta' tnissil, għal banek tal-ġeni, organizzazzjoni jew netwerks li jpartu jew jikkonservaw ir-riżorsi ġenetiċi (inkluż il-konservazzjoni fl-azjenda agrikola), jew biex issir riproduzzjoni tal-materjal impartat *in natura* bejn żewġ persuni li mhumiex operaturi *profesjonisti*.

Emenda

(7) Minħabba l-bżonnijiet tal-produtturi u r-rekwiżiti għall-flessibbiltà u l-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub biss għall-finijiet ta' ttestjar, xjentifiċi u ta' tnissil, għal banek tal-ġeni, organizzazzjoni jew netwerks li jpartu jew jikkonservaw ir-riżorsi ġenetiċi (inkluż il-konservazzjoni fl-azjenda agrikola), jew biex issir riproduzzjoni tal-materjal impartat bejn żewġ persuni li mhumiex operaturi *professjonisti*.

Or. it

Emenda 90
Radvilè Morkūnaitè-Mikulèniè

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Minħabba l-bżonnijiet tal-produtturi u r-rekwiżiti għall-flessibbiltà u l-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub biss għall-finijiet ta' ttestjar, xjentifiċi u ta' tnissil, għal banek tal-ġeni, organizzazzjoni jew netwerks li jpartu jew jikkonservaw ir-riżorsi ġenetiċi (inkluż il-konservazzjoni fl-azjenda agrikola), jew biex issir riproduzzjoni tal-materjal impartat bejn żewġ persuni li mhumiex *operaturi profesjonisti*.

Emenda

(7) Minħabba l-bżonnijiet tal-produtturi u r-rekwiżiti għall-flessibbiltà u l-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub biss għall-finijiet ta' ttestjar, xjentifiċi u ta' tnissil, għal banek tal-ġeni, organizzazzjoni jew netwerks li jpartu jew jikkonservaw ir-riżorsi ġenetiċi (inkluż il-konservazzjoni fl-azjenda agrikola), jew biex issir riproduzzjoni tal-materjal impartat bejn żewġ persuni li mhumiex *qed jimmiraw b'mod sistematiku li jagħmlu profitt*.

Emenda 91
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Sabiex ikunu żgurati t-trasparenza u kontrolli aktar effettivi **fil-produzzjoni u d-disponibbiltà** fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, l-operaturi professjonisti **għandhom ikunu** rreġistrati. Madanakollu, sabiex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi professjonisti, billi jitħallew jirreġistraw darba biss f'reġistru wieħed, jixraq li dawn jirreġistraw fir-reġistri pubbliċi stabbiliti mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru .../... [Office of Publication, please insert number of Regulation on protective measures against pests of plants].

Emenda

(9) Sabiex ikunu żgurati t-trasparenza u kontrolli aktar effettivi **fid-disponibbiltà** fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti **mmirat lejn l-isfruttament kummerċjali**, l-operaturi professjonisti **jistgħu jkunu** rreġistrati. **Il-bdiewa m'għandhomx jittqiesu bħala operaturi professjonisti.** Madanakollu, sabiex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi professjonisti, billi jitħallew jirreġistraw darba biss f'reġistru wieħed, jixraq li dawn jirreġistraw fir-reġistri pubbliċi stabbiliti mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru .../... [Office of Publication, please insert number of Regulation on protective measures against pests of plants].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fid-Direttivi eżistenti, l-espressjoni “mmirat lejn l-isfruttament kummerċjali” tiżgura li n-nefqa pubblika fuq l-implimentazzjoni ta' din il-liġi tkun proporzjonata. Fir-Regolament propost, din l-espressjoni tneħħiet. It-testijiet, il-kontrolli u l-formalitajiet amministrattivi m'għandhomx iżjed limitati għall-attivitajiet kummerċjali.

Emenda 92
Linda McAvan

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Ċerti ġeneri u speċijiet ta' materjal riproduttiv tal-pjanti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti mtejba dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà tagħhom fis-suq minħabba l-importanza ekonomika, sanitarja u ambjentali akbar tagħhom. Din l-importanza għandha tinstab skont il-parti jew il-valur tal-produzzjoni ta' dawk il-ġeneri jew l-ispeċijiet, in-numru ta' operaturi professjonisti jew il-kontenut ta' sustanzi li joħolqu riskju potenzjali għas-saħħa jew għall-ambjent. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-ġeneri jew l-ispeċijiet bħalissa qed jiġu rregolari minn dawk id-Direttivi. Dawn il-ġeneri u l-ispeċijiet għandhom jiddaħħlu f'lista speċifika (minn hawn 'il quddiem: "il-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati").

Emenda

(12) Ċerti ġeneri u speċijiet ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, ***bl-eċċezzjoni ta' dawk ikkummerċjalizzati b'mod esklussiv għall-użu ornamental u dawk maħsuba għall-bejgħ lill-ġenniena fid-djar***, għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti mtejba dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà tagħhom fis-suq minħabba l-importanza ekonomika, sanitarja u ambjentali akbar tagħhom. Din l-importanza għandha tinstab skont il-parti jew il-valur tal-produzzjoni ta' dawk il-ġeneri jew l-ispeċijiet, in-numru ta' operaturi professjonisti jew il-kontenut ta' sustanzi li joħolqu riskju potenzjali għas-saħħa jew għall-ambjent. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-ġeneri jew l-ispeċijiet bħalissa qed jiġu rregolari minn dawk id-Direttivi. Dawn il-ġeneri u l-ispeċijiet għandhom jiddaħħlu f'lista speċifika (minn hawn 'il quddiem: "il-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati").

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti għall-finijiet ornamental u materjal ta' propagazzjoni maħsub għall-bejgħ lill-ġenniena fid-djar m'għandhomx jiġu rregolati bl-istess mod bħaż-żrieragħ għall-agrikoltura kummerċjali. Dawn għandhom għalhekk jiġu esklużi mill-kontrolli fit-Titolu II u jiġu koperti mid-dispożizzjonijiet fit-Titolu III, li għandu jipprovdi l-protezzjoni tal-konsumatur.

Emenda 93
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza u l-

Emenda

(13) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza u l-

konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għall-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati għandu jkun prodott biss jew isir disponibbli fis-suq biss taħt kategoriji definiti minn qabel. Dawn il-kategoriji għandhom jirriflettu livelli tal-kwalità u stadji tal-produzzjoni differenti u jissejħu "materjal prebażiku", "materjal bażiku", "materjal iċċertifikat" u "materjal standard".

konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għall-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati għandu jkun prodott biss jew isir disponibbli fis-suq biss taħt kategoriji definiti minn qabel. Dawn il-kategoriji għandhom jirriflettu livelli tal-kwalità u stadji tal-produzzjoni differenti u jissejħu "materjal prebażiku", "materjal bażiku", "materjal iċċertifikat" u "materjal standard". ***Dan m'għandu taħt l-ebda ċirkostanzi jipprevjeni l-użu tat-tikketti nazzjonali jew privati u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tikkettar privat u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni urew li jaħdmu tajjeb ħafna, billi jagħtu livell meħtieġ ta' flessibbiltà. L-istabbiliment ta' dawn it-tikketti m'għandux jiġi mfixkel mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19. Għandu jiġi introdott paragrafu 6 li jippermetti t-tikkettar privat u nazzjonali u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni.

Emenda 94

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Sabiex ikunu żgurati l-aktar disponibbiltà wiesgħa possibbli ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u l-aktar għażliet possibbli lill-utenti tiegħu, fil-prinċipju l-operaturi professjonisti għandhom ikunu jistgħu jagħmlu disponibbli fis-suq, il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għall-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati f'kull kategorija. Madanakollu, sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, u sabiex jintlaħaq livell għoli ta' identità, kwalità u saħħa tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti ***għandu jsir***

Emenda

(14) Sabiex ikunu żgurati l-aktar disponibbiltà wiesgħa possibbli ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u l-aktar għażliet possibbli lill-utenti tiegħu, fil-prinċipju l-operaturi professjonisti għandhom ikunu jistgħu jagħmlu disponibbli fis-suq, il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għall-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati f'kull kategorija, ***filwaqt li jitqies li l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni bejn l-ispeċijiet agrikoli u tal-ortikultura huma differenti.*** Madanakollu, sabiex tkun żgurata s-sigurtà

disponibbli fis-suq bħala materjal standard jekk l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni jkunu proporzjonati għal dawn l-għanijiet.

tal-ikel u l-għalf, **jew** sabiex jintlaħaq livell għoli ta' identità, kwalità u saħħa tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti, **b'mod partikolari l-materjal tal-ispeċijiet agrikoli, m'għandux isir** disponibbli fis-suq bħala materjal standard jekk l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni jkunu proporzjonati għal dawn l-għanijiet.

Or. en

Emenda 95 **Karin Kadenbach**

Proposta għal regolament **Premessa 14**

Test propost mill-Kummissjoni

(14) **Sabiex ikunu żgurati l-aktar disponibbiltà wiesgħa possibbli ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u l-aktar għażliet possibbli lill-utenti tiegħu, fil-prinċipju** l-operaturi **professionisti għandhom ikunu jistgħu** jagħmlu disponibbli fis-suq, il-materjal riproduttiv tal-pjanti **li jappartjeni għall-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati f'kull kategorija. Madanakollu, sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, u sabiex jintlaħaq livell għoli ta' identità, kwalità u saħħa tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti għandu jsir disponibbli fis-suq** bħala materjal standard **jekk l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni jkunu proporzjonati għal dawn l-għanijiet.**

Emenda

(14) L-operaturi **jieħdu d-deċiżjoni li** jagħmlu disponibbli fis-suq, il-materjal riproduttiv tal-pjanti bħala materjal standard **jew bħala materjal għaddej miċ-ċertifikazzjoni.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sigurtà tal-ikel u l-għalf u l-livell għoli tal-identità, kwalità u saħħa jistgħu jinkisbu perfettament permezz ta' tikketta tal-operatur. Madankollu, il-prinċipju kostanti tal-liġi tal-UE, rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, jiddikjara li sitwazzjonijiet differenti m'għandhomx

jigū ttrattati bl-istess mod sakemm dak it-trattament mhuwiex iġġustifikat b'mod oġġettiv. F'dan il-każ, m'hemmx raġunament oġġettiv li jiġġustifika li ċertu materjal riproduttiv tal-pjanti m'għandux ikun disponibbli fis-suq bħala materjal standard.

Emenda 96
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Sabiex l-utenti jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata dwar l-identità u ***l-karattersitiċi*** tiegħu, il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għall-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati ***għandu biss ikun prodott jew isir*** disponibbli fis-suq jekk dan ikun jappartjeni għal varjetajiet irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni.

Emenda

(16) Sabiex l-utenti jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata dwar l-identità u ***l-karatteristiċi*** tiegħu, il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għall-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati ***jista' jsir*** disponibbli fis-suq jekk dan ikun jappartjeni għal varjetajiet irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 97
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li ***ma jkun disponibbli fis-suq biss fi kwantitajiet limitati*** minn produtturi żgħar ("materjal riproduttiv tal-pjanti ta' suq niċċa") għandu jkun eżentat mir-rekwiżit li jkun jappartjeni għal varjetà rreġistrata. Din id-deroga hija meħtieġa għall-prevenzjoni ta' ***restizzjonijiet*** bla bżonn ***milli*** jkun disponibbli fis-suq materjal riproduttiv tal-pjanti, li għandu inqas interess kummerċjali, iżda li huwa importanti għas-selezzjoni konservattiva tad-diversità

Emenda

(27) Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li ***jiġi prodott*** minn produtturi żgħar ("materjal riproduttiv tal-pjanti ta' suq niċċa") għandu jkun eżentat mir-rekwiżit li jkun jappartjeni għal varjetà rreġistrata. Din id-deroga hija meħtieġa għall-prevenzjoni ta' ***restrizzjonijiet*** bla bżonn ***u biex tippermetti l-iżvilupp li*** jkun disponibbli fis-suq materjal riproduttiv tal-pjanti, li għandu inqas interess kummerċjali, iżda li huwa importanti għas-selezzjoni konservattiva tad-diversità ġenetika. Madanakollu

ġenetika. Madanakollu għandu jkun żgurat li din id-deroga ma tintużax sikwit minn firxa wiesgħa ta' operaturi professjonisti iżda jużawha biss l-operaturi professjonisti li ma jifilħux l-ispejjeż u l-piż amministrattivi tar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet Dan huwa importanti biex ma jiġu evitati abbużi minn din id-deroga u biex tkun żgurata l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, il-materjal ta' suq niċċa, għandu jkun disponibbli biss fis-suq minn operaturi professjonisti li jħaddmu għadd żgħir ta' persuni u b'fatturat annwali żgħir.

għandu jkun żgurat li din id-deroga ma tintużax sikwit minn firxa wiesgħa ta' operaturi professjonisti iżda jużawha biss l-operaturi professjonisti li ma jifilħux l-ispejjeż u l-piż amministrattivi tar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet Dan huwa importanti biex ma jiġu evitati abbużi minn din id-deroga u biex tkun żgurata l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, il-materjal ta' suq niċċa, għandu jkun disponibbli biss fis-suq minn operaturi professjonisti li jħaddmu għadd żgħir ta' persuni u b'fatturat annwali żgħir.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-swieq niċċa għandhom jitħallew jikbru! PRM jew attur ta' suċċess għandhom jitħallew jiżviluppaw fis-suq niċċa, mingħajr ma jaqgħu fis-settur konvenzjonali. Għalhekk, kwalunkwe limitazzjoni f'termini ta' kwantità għandha titħassar u għandha tiġi integrata l-possibbiltà li atturi oħra għajr il-produttur u li mhumiex rilevanti għas-swieq niċċa, jieħdu l-inkarigu tad-disponibbiltà fis-suq.

Emenda 98
Linda McAvan

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Ir-rekwiżiti bażiċi għandhom ikunu stabbiliti għal materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jkunx jappartjeni għall-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati, sabiex ikunu żgurati standards minimi tal-kwalità u l-identifikazzjoni għall-produzzjoni u d-disponibbiltà tagħhom fis-suq.

Emenda

(30) Ir-rekwiżiti bażiċi għandhom ikunu stabbiliti għal materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jkunx jappartjeni għall-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati, sabiex ikunu żgurati standards minimi tal-kwalità u l-identifikazzjoni għall-produzzjoni u d-disponibbiltà tagħhom fis-suq. ***Dawk ir-rekwiżiti għandhom japplikaw ukoll għall-materjal riproduttiv tal-pjanti kkummerċjalizzati għall-finijiet ornamentali u għall-materjal ta' propagazzjoni maħsub għall-bejgħ lill-ġenniena fid-djar.***

Ġustifikazzjoni

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti għall-finijiet ornamentali u materjal ta' propagazzjoni maħsub għall-bejgħ lill-ġenniena fid-djar m'għandhomx jiġu rregolati bl-istess mod bħaż-żrieragħ għall-agrikoltura kummerċjali. Dawn għandhom għalhekk jiġu esklużi mill-kontrolli fit-Titolu II u jiġu koperti mid-dispożizzjonijiet fit-Titolu III, li għandu jipprovdi l-protezzjoni tal-konsumatur.

Emenda 99 Karin Kadenbach

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Sabiex ikun żgurat li kull varjetà jkollha aċċess għar-reġistrazzjoni u hija soġġetta għal regoli u kundizzjonijiet komuni, għandhom jiġu stabbiliti regoli għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet u **għandhom** japplikaw għal varjetajiet tal-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati kif ukoll għal varjetajiet tal-ispeċijiet mhux elenkati.

Emenda

(31) Sabiex ikun żgurat li kull varjetà jkollha aċċess għar-reġistrazzjoni u hija soġġetta għal regoli u kundizzjonijiet komuni, għandhom jiġu stabbiliti regoli għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet u **jistgħu** japplikaw għal varjetajiet tal-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati kif ukoll għal varjetajiet tal-ispeċijiet mhux elenkati.

Ġustifikazzjoni

Ir-reġistrazzjoni tal-varjetajiet hija għalja ħafna u mhix adegwata għall-PRM mhux immodifikat. Filwaqt li tista' tiżgura li ż-żrieragħ huma xierqa għal ċertu użu, jekk ir-reġistrazzjoni tal-varjetajiet tkun obbligatorja tfisser li jkunu qed jinqatgħu barra ħafna PRM interessanti. Barra minn hekk, il-kunċett ta' varjetà huwa żgħir wisq u ma jippermettix ir-reġistrazzjoni ta' ħafna PRM interessanti. Hemm iżjed raġunijiet li jargumentaw favur sistema volontarja ta' reġistrazzjoni milli jargumentaw favur sistema obbligatorja.

Emenda 100 Giancarlo Scottà

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) **Fil-prinċipju, il-varjetajiet għandhom** jiġu rreġistrati skont deskrizzjoni uffiċjali li tagħmel l-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija. **Madanakollu, sabiex jonqos il-piż lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija u sabiex tkun żgurata l-flessibbiltà, jixraq li tingħata l-possibbiltà li l-eżamijiet meħtieġa biex issir id-deskrizzjoni uffiċjali jkunu jistgħu jagħmluhom ukoll l-applikanti.**

Emenda

(33) **Huwa opportun li l-varjetajiet** jiġu rreġistrati skont deskrizzjoni uffiċjali li tagħmel l-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija.

Or. it

Emenda 101
Andrea Zaroni

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) **Fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Dijoloġika li l-Unjoni** hija parti minnha, **l-Unjoni** impenjat ruħha **li żżomm id-diversità** ġenetika tal-pjanti kkultivati, u tal-qraba selvaġġi, u li tnaqqas **l-eruzzjoni** ġenetika kemm jista' jkun. Dan l-impenn jikkumplimenta l-għan tal-Unjoni li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità sal-2020. F'dan il-kuntest, ċerti varjetajiet għandhom jitħallew jiġu prodotti u jsiru disponibbli fis-suq anke jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti li jikkonċernaw id-distintività, uniformità u l-istabbiltà, sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-użu tagħhom, u għalhekk tgħin għas-sostenibbiltà tal-agrikoltura u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, dawn il-varjetajiet għandhom jiġu rreġistrati biss skont deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment.

Emenda

(36) L-Unjoni hija parti **kemm għat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agrikoltura kif ukoll għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u fil-kuntest tagħhom** impenjat ruħha **għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità** ġenetika tal-pjanti kkultivati, u tal-qraba selvaġġi, u li tnaqqas **l-erożjoni** ġenetika kemm jista' jkun. Dan l-impenn jikkumplimenta l-għan tal-Unjoni li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità sal-2020. F'dan il-kuntest, ċerti varjetajiet għandhom jitħallew jiġu prodotti u jsiru disponibbli fis-suq anke jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti li jikkonċernaw id-distintività, uniformità u l-istabbiltà, sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-użu tagħhom, u għalhekk tgħin għas-sostenibbiltà tal-agrikoltura u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, dawn il-varjetajiet għandhom jiġu rreġistrati biss skont deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment.

Ġustifikazzjoni

Il-Proposta għal-regolament tagħmel referenza għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika imma fil-kuntest ta' pjanti kkultivati, it-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agrikoltura huwa ugwalment rilevanti u għalhekk għandu jissewma' wkoll. F'dan il-kuntest tista' ssir referenza għall-għanijiet ġenerali ta' dawn l-istrumenti: il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi/ġenetiċi.

Emenda 102
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità **Dijoloġika** li l-Unjoni hija parti minnha, l-Unjoni impenjat ruħha li żżomm id-diversità ġenetika tal-pjanti kkultivati, u tal-qraba selvaġġi, u li tnaqqas **l-erużjoni** ġenetika kemm jista' jkun. Dan l-impenn jikkumplimenta l-għan tal-Unjoni li twaqqaf it-telf tal-biodiversità sal-2020. F'dan il-kuntest, **ċerti varjetajiet għandhom jitħallew jiġu prodotti u jsiru** disponibbli fis-suq anke jekk ma **jikkonformawx** mar-rekwiżiti li jikkonċernaw id-distintività, uniformità u l-istabbiltà, sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-użu **tagħhom**, u għalhekk tgħin għas-sostenibbiltà tal-agrikoltura u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, dawn il-varjetajiet għandhom jiġu rreġistrati biss skont deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment.

Emenda

(36) Fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità **Bijoloġika** li l-Unjoni hija parti minnha, l-Unjoni impenjat ruħha li żżomm id-diversità ġenetika tal-pjanti kkultivati, u tal-qraba selvaġġi, u li tnaqqas **l-erożjoni** ġenetika kemm jista' jkun. Dan l-impenn jikkumplimenta l-għan tal-Unjoni li twaqqaf it-telf tal-biodiversità sal-2020. F'dan il-kuntest, **ċertu materjal riproduttiv tal-pjanti għandu jitħalla jiġi prodott u jsir** disponibbli fis-suq anke jekk ma **jikkonformax** mar-rekwiżiti li jikkonċernaw id-distintività, uniformità u l-istabbiltà, sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-użu **tiegħu**, u għalhekk tgħin għas-sostenibbiltà tal-agrikoltura u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, dawn il-varjetajiet għandhom jiġu rreġistrati biss skont deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment.

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' varjetà huwa restrittiv wisq. Ħafna mill-materjali riproduttivi tal-pjanti tradizzjonali naturali mhumiex varjetajiet taħt din il-Proposta. Bħala konsegwenza, id-

diversità tal-pjanti kkultivati tissodisfa r-rekwiżiti għall-benefiċċju mid-derogi għal din il-leġislazzjoni ristrettiva ħafna. Fi kliem ieħor, għal għadd kbir ta' pjanti tradizzjonali, id-derogi pprovduti b'din il-Proposta huma qoxra vojta.

Emenda 103
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(37) Madanakollu, il-varjetajiet irreġistrati abbażi ta' deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment għandhom jiġu prodotti fir-reġjun mnejn ikunu tkabbri u ġew adattati minn dejjem, sabiex ikunu żgurati l-awtentività tagħhom u l-valur miżjud tagħhom għall-konservazzjoni tad-diversità ġenerika u l-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk dawn għandhom jiddaħħlu biss fir-rreġistri nazzjonali tal-varjetajiet. Għall-istess raġuni, jekk dawn il-varjetajiet kienu saru disponibbli fis-suq u/jew inġabru eżempju mill-banek tal-ġeni, qabel jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament jew jekk ilhom li tneħħew mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew mir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni, aktar minn ħames snin, fil-każ li dawn ikunu ġew irreġistrati fihom abbażi ta' eżami tekniku għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tagħhom.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-reġistrazzjoni taħt deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment tikkonċerna l-bijodiversità agrikola. Imma din il-Premessa tinkludi tliet limitazzjonijiet. Ir-reviżjoni hija l-opportunità biex ma jiġux ripetuti l-iżbalji tal-passat. Ir-restrizzjoni "li diġà kienu fis-suq" teskludi ħafna pjanti mid-deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment (ORD). Ħafna pjanti ntużaw lokalment, imma qatt ma ġew ikkummerċjalizzati. Barra minn hekk, kwalunkwe żvilupp ġdid jew skoperta huwa eskluż mill-ORD.

Emenda 104
Giancarlo Scottà

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Madanakollu, il-varjetajiet irreġistrati abbażi ta' deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment **għandhom jiġu prodotti fir-reġjun** mnejn ikunu tkabbru **u** ġew adattati **minn dejjem**, sabiex ikunu żgurati l-awtentività tagħhom u l-valur miżjud tagħhom għall-konservazzjoni tad-diversità ġenerika u l-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk dawn għandhom jiddaħħlu biss **fir-rreġistri** nazzjonali tal-varjetajiet. Għall-istess raġuni, jekk dawn il-varjetajiet kienu saru disponibbli fis-suq u/jew inġabru eżempju mill-banek tal-ġeni, qabel jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament jew jekk ilhom li tneħħew mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew mir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni, aktar minn ħames snin, fil-każ li dawn ikunu ġew irreġistrati fihom abbażi ta' eżami tekniku għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tagħhom.

Emenda

(37) Madanakollu, il-varjetajiet irreġistrati abbażi ta' deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment **ikollhom reġjun** mnejn ikunu tkabbru **jew** ġew **imkabbra minn dejjem, jew ġew** adattati **b'mod naturali**, sabiex ikunu żgurati l-awtentività tagħhom u l-valur miżjud tagħhom għall-konservazzjoni tad-diversità ġenerika u l-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk dawn għandhom jiddaħħlu biss **fir-reġistri** nazzjonali tal-varjetajiet. Għall-istess raġuni, jekk dawn il-varjetajiet kienu saru disponibbli fis-suq u/jew inġabru eżempju mill-banek tal-ġeni, qabel jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament jew jekk ilhom li tneħħew mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew mir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni, aktar minn ħames snin, fil-każ li dawn ikunu ġew irreġistrati fihom abbażi ta' eżami tekniku għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tagħhom.

Or. it

Emenda 105
Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Richard Seeber

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jinkludi wkoll il-varjetajiet kollha li jkunu ġew irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet. B'dal-mod, **se**

Emenda

(40) Ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jinkludi wkoll il-varjetajiet kollha li jkunu ġew irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet. B'dal-mod, **jiġi**

jkun żgurat li r-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jagħti ħarsa ġenerali trasparenti tal-varjetajiet kollha rreġistrati fl-Unjoni.

żgurat li r-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jagħti ħarsa ġenerali trasparenti tal-varjetajiet kollha rreġistrati fl-Unjoni.

Barra minn hekk, l-UE tista' taħdem b'mod proattiv għas-sopravivenza ta' varjetajiet qodma u rari kif ukoll għall-varjetajiet tal-konservazzjoni u r-razez lokali permezz tal-ħolqien ta' netwerk ta' banek tal-ġeni fl-Ewropa kollha ("EuropArch"), jekk ikun meħtieġ bl-appoġġ ta' dokumentazzjoni Ewropea ex situ affiljata mal-Aġenzija ("BioEuropeana").

Or. de

Emenda 106
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Sabiex titħaffef ir-reġistrazzjoni **tal-varjetajiet li tgħin** fil-ġlieda kontra **l-erużjoni** ġenetika fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom japplikaw miżata mraħħsa għal varjetajiet b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment u għal materjal eteroġenju. Dawn il-miżati mraħħsa għandhom ikunu baxxi biżżejjed li ma joħolqux deterrent jew xkiel għad-disponibbiltà fis-suq ta' dawk il-varjetajiet. Sabiex ikunu appoġġati l-mikrointrapriżi, dawn għandhom jiġu eżentati għalkollox milli jħallsu l-miżati.

Emenda

(43) Sabiex titħaffef ir-reġistrazzjoni **tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li sservi** fil-ġlieda kontra **l-erożjoni** ġenetika fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom japplikaw miżata mraħħsa għal varjetajiet b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment u għal materjal eteroġenju. Dawn il-miżati mraħħsa għandhom ikunu baxxi biżżejjed li ma joħolqux deterrent jew xkiel għad-disponibbiltà fis-suq ta' dawk il-varjetajiet. Sabiex ikunu appoġġati l-mikrointrapriżi, dawn għandhom jiġu eżentati għalkollox milli jħallsu l-miżati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Proposta tipprovdi definizzjoni ristrettiva ħafna ta' varjetà. Ħafna mill-materjali riproduttivi tal-pjanti tradizzjonali naturali mhumiex varjetajiet taħt din il-Proposta. Bħala konsegwenza, id-diversità tal-pjanti kkultivati tissodisfa r-rekwiżiti għall-benefiċċju mid-

derogi għal din il-leġislazzjoni ristrettiva ħafna. Fi kliem ieħor, għal għadd kbir ta' pjanti tradizzjonali, id-derogi pprovduti b'din il-Proposta huma qoxra vojta.

Emenda 107
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Sabiex jitħarsu l-interessi kummerċjali u l-proprjetà intellettuali tal-operaturi professjonisti, ir-riżultati tal-eżami u d-deskrizzjoni tal-komponenti **ginealoġiċi** għandhom jitqiesu kunfidenzjali, jekk in-nissiel jitlob dan. F'għieħ it-trasparenza, id-deskrizzjonijiet kollha tal-varjetajiet elenkati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandhom ikunu disponibbli b'mod pubbliku.

Emenda

(44) Sabiex jitħarsu l-interessi kummerċjali u l-proprjetà intellettuali tal-operaturi professjonisti, ir-riżultati tal-eżami u d-deskrizzjoni tal-komponenti **ginealoġiċi** għandhom jitqiesu kunfidenzjali **sakemm il-varjetà tiġi finalment irreġistrata**, jekk in-nissiel jitlob dan. F'għieħ it-trasparenza, id-deskrizzjonijiet kollha tal-varjetajiet elenkati fir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandhom ikunu disponibbli b'mod pubbliku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ewlieni ta' din il-leġislazzjoni huwa l-protezzjoni tal-utenti taż-żrieragħ u l-konsumaturi. Il-leġislazzjoni tiftaħar li tagħti l-informazzjoni meħtieġa lill-utent taż-żrieragħ. Madankollu, il-ġenealoġija tal-pjanti tista' tkun dejta importanti ħafna għall-utent, b'mod speċjali jekk kellu esperjenza tajba bil-linji ġenituri. Din il-Premessa turi li din il-Proposta tiddefendi l-interessi tal-industrija ferm iżjed mill-interessi tal-konsumatur. Id-disponibbiltà tal-ġenealoġija toffri wkoll il-possibbiltà li titħaffef ir-riċerka dwar it-tnissil.

Emenda 108
Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament
Premessa 79

(79) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar dan li ġej:

imħassar

(a) l-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri biex jadottaw rekwiżiti aktar stretti minn dawk adottati skont dan ir-Regolament fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti tal-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati u l-materjal riproduttiv tal-foresti tal-ispeċijiet u l-ibridi artifiċjali elenkati,

(b) l-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza,

(c) l-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri biex iħallu għal mhux aktar minn sena l-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għal varjetà tal-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati li għadha mhix inkluża f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni.

(d) l-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri biex iħallu għal mhux aktar minn sena d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti tal-ġeneri jew l-ispeċijiet elenkati li jikkonforma mar-rekwiżiti aktar baxxi minn dawk adottati skont dan ir-Regolament.

(e) l-organizzazzjoni ta' esperimenti temporanji,

(f) il-format tar-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet u r-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni,

(g) il-format tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet,

(h) il-modalitajiet dwar is-sottomissjoni ta' notifiki dwar ir-reġistrazzjoni tal-varjetajiet,

(i) l-għamla tal-listi nazzjonali dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti,

(j) il-format tan-notifiki biex materjal riproduttiv tal-foresti jiddaħħal fil-lista nazzjonali, u

(k) il-format taċ-ċertifikati ewlenin għall-materjal riproduttiv tal-foresti.

Or. de

Emenda 109
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 79 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) l-adozzjoni ta' lista ta' ġeneri u speċijiet li, wara li jkunu nġabru l-provi xjentifiċi li jippruvaw li l-ispeċi teħtieġ kunsiderazzjonijiet speċjali li jikkonċernaw id-disponibbiltà tagħha fis-suq, għandha tissodisfa l-obbligi previsti fl-Anness II.

Or. en

Emenda 110
Satu Hassi, Corinne Lepage

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(82) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi regoli dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti biex jiżgura l-kwalità tal-materjal u li l-utenti jagħmlu għażliet infurmati, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-effetti, il-kumplessità u l-karattru transfruntier u

imħassra

internazzjonali tiegħu, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjeta kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalita, kif inhu stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Attwalment, ir-regoli dwar iż-żrieragħ huma stabbiliti f'diversi Direttivi. Regolament ikompli u jżid il-limitazzjonijiet attwali kontra l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' varjetajiet tradizzjonali, reġjonali jew organiċi u ma jippermettix lill-Istati Membri jippermettu li attivitajiet fuq skala żgħira ta' faddala taż-żrieragħ u nissela żgħar jikkummerċjalizzaw iż-żrieragħ barra mis-sistema ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni. Direttiva toħloq ambjent aħjar li jippermetti t-twaqqif tal-erożjoni ġenetika fost l-ispeċijiet agrikoli.

Emenda 111
Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni

(82) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi regoli dwar **il-produzzjoni u d-disponibbiltà** fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti **biex jiżgura l-kwalità tal-materjal u li l-utenti jagħmlu għażliet infurmati, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-effetti, il-kumplessità u l-karattru transfruntier u internazzjonali tiegħu**, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjeta kif inhu stabbilit **fl-Artikolu 5** tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalita, kif inhu stabbilit f'dak l-

Emenda

(82) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi regoli dwar **id-disponibbiltà** fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjeta kif inhu stabbilit **fl-Artikolu 5** tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalita, kif inhu stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sa issa, id-Direttivi eżistenti kienu jipprovdu xi spazju għall-Istati Membri biex jadattaw din il-leġislazzjoni għas-sitwazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Ħafna mill-possibiltajiet biex is-sistema tiġi adattata fil-livell nazzjonali u reġjonali se jkunu mraġżna. Madankollu, is-sitwazzjoni għadha sa issa ma nbidlitx. Għalhekk mhuwiex minnu li jingħad li l-leġislazzjoni ma setgħetx tinkiseb mill-Istati Membri.

Emenda 112

Satu Hassi, Karin Kadenbach, Corinne Lepage

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar:

(Din l-emenda tapplika fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Attwalment, ir-regoli dwar iż-żrieragħ huma stabbiliti f' diversi Direttivi. Regolament ikompli u jżid il-limitazzjonijiet attwali kontra l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' varjetajiet tradizzjonali, reġjonali jew organiċi u ma jippermettix lill-Istati Membri jippermettu li attivitajiet fuq skala żgħira ta' faddala taż-żrieragħ u nissiela żgħar jikkummerċjalizzaw iż-żrieragħ barra mis-sistema ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni. Direttiva toħloq ambjent aħjar li jippermetti t-twaqqif tal-erożjoni ġenetika fost l-ispeċijiet agrikoli.

Emenda 113

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, bil-ħsieb li jagħmlu disponibbli fis-suq; u

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi ma jillegiżlawx dwar il-produzzjoni tal-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux maħsub għall-bdiewa li jipproduċu ż-żrieragħ tagħhom stess imfaddla fl-azjendi agrikoli. Il-bdiewa li jipproduċu ż-żrieragħ tagħhom stess imfaddla fl-azjendi agrikoli m'għandhomx jiġu sfurzati jikkonformaw mal-istess regoli bħall-produtturi taż-żrieragħ industrijali.

Emenda 114

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) hu maħsub **biss** għal, u biex jinżamm minn, banek tal-ġeni, organizzazzjonijiet u netwerks tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi, jew persuni li jappartjeni għal dawn l-organizzazzjonijiet jew in-netwerks;

(c) hu maħsub għal, u biex jinżamm minn, banek tal-ġeni, organizzazzjonijiet u netwerks tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi, jew persuni li jappartjeni għal dawn l-organizzazzjonijiet jew in-netwerks;

Or. en

Emenda 115

Corinne Lepage, Andrea Zannoni

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) hu maħsub biss għal, u biex jinżamm

(c) hu maħsub biss għal, u biex jinżamm **u**

minn, banek tal-ġeni, organizzazzjonijiet u netwerks tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi, jew persuni li jappartjeni għal dawn l-organizzazzjonijiet jew in-netwerks;

jiġi mxerred minn, banek tal-ġeni, organizzazzjonijiet u netwerks tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi, ***inkluż il-konservazzjoni in situ fl-azjenda agrikola***, jew persuni li jappartjeni għal dawn l-organizzazzjonijiet jew in-netwerks;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-attivitajiet ta' konservazzjoni tal-bijodiversità u l-iskambju tal-PRM bejn il-bdiewa għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Għalhekk l-espressjoni "inkluż il-konservazzjoni in situ fl-azjenda agrikola" għandha tiżdied mal-Artikolu 2(c).

Emenda 116

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jitpartat bejn żewġ persuni li ma jkunux operaturi professjonisti.

Emenda

(d) jitpartat, ***jew jiġi kkummerċjalizzat fi kwantitajiet żgħir mhux kummerċjali***, bejn żewġ persuni li ma jkunux operaturi professjonisti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal operaturi mhux professjonisti fuq skala żgħira. Din l-emenda tikkjarifika dan il-kunċett.

Emenda 117

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) **jitpartat** bejn żewġ persuni li ma jkunux operaturi professjonisti.

Emenda

(d) **jiġi skambjat** bejn żewġ persuni li ma jkunux operaturi professjonisti, **jew bejn operaturi professjonisti u persuni li ma jkunux operaturi professjonisti.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskambji kollha bejn persuni li ma jkunux operaturi professjonisti għandhom jiġu esklużi minn din il-leġiżlazzjoni. Dan għandu jkun ukoll il-każ għal skambji bejn professjonisti u dawk li mhumiex professjonisti.

Emenda 118
Giancarlo Scottà

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

d) jitpartat **in natura** bejn żewġ persuni li ma jkunux operaturi professjonisti.

Emenda

d) jitpartat bejn żewġ persuni li ma jkunux operaturi professjonisti.

Or. it

Emenda 119
Radvilè Morkūnaitè-Mikulénienè

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

d) jitpartat bejn żewġ persuni li **ma jkunux operaturi professjonisti.**

Emenda

d) jitpartat bejn żewġ persuni li **mhumiex qed jimmiraw b'mod sistematiku li jagħmlu profitt.**

Or. It

Emenda 120
Françoise Grossetête

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

d) jitpartat bejn **żewġ persuni li ma jkunux operaturi** professjonisti.

d) jitpartat bejn **utenti finali mhux** professjonisti

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni għandha tikkonċerna lid-dilettanti, billi tiġi ispirata mid-definizzjoni ta' "utent final" bħalma huwa definit fir-Regolament Ewropew dwar il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, jiġifieri: "kwalunkwe persuna, li taġixxi għal finijiet li huma barra min-negozju, il-kummerċ jew il-professjoni tagħha, li takkwista għall-użu tagħha stess pjanti jew prodotti mill-pjanti".

Emenda 121
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jitqiegħed fis-suq fi kwantità totali limitata għall-użu finali tal-ġenniena fid-djar biss;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ġardinaġġ bħala passatemp huwa divertiment popolari segwit fl-UE: is-suq tad-dar u l-passatempi għandu jibbenefika jekk jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għaliex jevita d-deterrent għal din l-attività ta' divertiment.

Emenda 122
Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jiġi prodott minn bidwi jew bidwija fir-razzett proprju, taħt ismu/isimha stess u u għas-spejjeż tiegħu/tagħha.

Or. de

Emenda 123

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) huwa prodott mill-bdiewa fuq l-azjenda agrikola tagħhom stess u f'isimhom stess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Taħt il-Proposta, il-bdiewa li jgħaddu l-PRM mill-ħsad tagħhom stess ikollhom jiffaċċjaw l-istess obbligi bħall-operaturi professjonisti. Għal sekli, iż-żrieragħ ġew magħżula u użati mill-ġdid fl-istaġun ta' wara. Ikun sproporzjonat jekk dawn l-attivitajiet jiġu soġġetti għall-ostakoli amministrattivi u l-penali. Għalhekk il-bdiewa għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ħliet għall-bdiewa li joperaw taħt kuntratt mas-sistema kummerċjali li tipproduċi ż-żrieragħ.

Emenda 124
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) li jkun definit bħala “ornamentali”.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda provi ta' nuqqas ta' sodisfazzjon tal-klijenti fis-suq tal-ornamenti u m'hemmx provi li jappoġġjaw il-ħtieġa għal iżjed regolamentazzjoni.

Emenda 125

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) "materjal riproduttiv tal-pjanti" tfisser pjanta/i li tista' /jistgħu jew maħsuba biex tipproduċi/ jipproduċi pjanti sħaħ;

(2) “materjal riproduttiv tal-pjanti” tfisser żerriegħa u materjal ieħor ta’ propagazzjoni;

(2a) “żerriegħa” tfisser żrieragħ tal-pjanti maħsuba għall-kultivazzjoni;

(2b) “materjal ieħor ta’ propagazzjoni” tfisser partijiet minn pjanta/i li tista' /jistgħu jew maħsuba biex tipproduċi/ jipproduċu pjanti sħaħ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' PRM għandha tiġi kkjarifikata billi tiġi riflessa d-diversità tal-PRM: “Pjanta(i) li tista' /jistgħu, u maħsuba biex, tipproduċi/ jipproduċu pjanti sħaħ” huma diġà pjanti. Għalhekk dan jikkawża ħafna konfużjoni fil-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, id-definizzjoni proposta toħloq diversi problemi meta niġu għall-materjal għar-riproduzzjoni veġetattiva. Il-proċessi għaż-żrieragħ huma kemmxejn differenti mill-proċessi għal pereżempju s-siġar tal-frott jew id-dwieli. Il-leġiżlazzjoni għandha tqis din id-differenza.

Emenda 126
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) “ornamentali” tfisser pjanta li tittkabbar primarjament għall-finijiet dekorattivi.

Or. en

Emenda 127
James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) “disponibbiltà fis-suq” tfisser iż-żamma għall-finijiet ta’ bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta’ trasferiment, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta’ trasferiment, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas.

(5) “Disponibbiltà fis-suq”, **sakemm mhux fuq “azjenda tiegħu stess” kif definit fl-Artikolu 3**, tfisser iż-żamma għall-finijiet ta’ bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta’ trasferiment **fl-Unjoni**, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta’ trasferiment **waqt l-attività kummerċjali relatata mal-materjal riproduttiv tal-pjanti**, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas;

Or. en

Emenda 128
Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "disponibbiltà fis-suq" tfisser iż-żamma għall-finijiet ta' bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta' trasferiment, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas.

Emenda

"disponibbiltà fis-suq" tfisser iż-żamma għall-finijiet ta' bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta' trasferiment, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta' trasferiment, ***minn operatur professjonist għall-iskop ta' kultivazzjoni kummerċjali***, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas;

Or. de

Emenda 129

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zaroni

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "disponibbiltà fis-suq" tfisser iż-żamma għall-finijiet ta' bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta' trasferiment, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas.

Emenda

(5) "disponibbiltà fis-suq" tfisser iż-żamma għall-finijiet ta' bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta' trasferiment, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta' trasferiment ***minn operatur professjonist u mmirati lejn l-isfruttament kummerċjali***, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-espressjoni "mmirati lejn l-isfruttament kummerċjali", li kienet teżisti fid-Direttivi preċedenti, għandha terġa' tiġi introdotta fir-Regolament. Barra minn hekk, għandu jkun ċar li d-"disponibbiltà fis-suq" tikkonċerna biss il-professjonisti.

Emenda 130
Giancarlo Scottà

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

5) tagħmel disponibbli fis-suq.
"disponibbiltà fis-suq" tfisser iż-żamma għall-finijiet ta' bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta' trasferiment, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas.

Emenda

5) tagħmel disponibbli fis-suq.
"disponibbiltà fis-suq" tfisser iż-żamma għall-finijiet ta' bejgħ fl-Unjoni, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew għal xi forma oħra ta' trasferiment ***immirat għall-isfruttament kummerċjali***, u l-bejgħ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni lejn l-Unjoni u l-esportazzjoni minnha, u xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas u sew jekk bla ħlas ***immirat għall-isfruttament kummerċjali***;

Or. it

Emenda 131
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tagħmel. bħala professjoni, mill-anqas waħda minn dawn l-attivitajiet fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti:

Emenda

(6) "operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tagħmel bħala professjoni, mill-anqas waħda minn dawn l-attivitajiet fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti ***mmirati lejn l-isfruttament kummerċjali***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-espressjoni "mmirati lejn l-isfruttament kummerċjali", li kienet teżisti fid-Direttivi preċedenti, għandha terġa' tiġi introdotta fir-Regolament. Barra minn hekk, għandu jkun ċar li d- "disponibbiltà fis-suq" tikkonċerna biss il-professjonisti.

Emenda 132

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tagħmel. bħala professjoni, mill-anqas waħda minn dawn l-attivitajiet fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti:

Emenda

"operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tagħmel bħala professjoni, mill-anqas waħda minn dawn l-attivitajiet fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti **li huwa maħsub għall-kultivazzjoni kummerċjali:**

Or. de

Emenda 133

Andrea Zaroni

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li **tkun qed** tagħmel, bħala professjoni, **mill-anqas waħda minn dawn l-attivitajiet fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti:**

Emenda

(6) "operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel **disponibbli fis-suq il-materjal riproduttiv tal-pjanti**, bħala professjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt dan ir-Regolament u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta l-kwalità.

Emenda 134

Corinne Lepage

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tagħmel bħala professjoni, mill-anqas waħda minn dawn l-attivitajiet fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti:

Emenda

(6) "operatur professjonist" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tagħmel bħala professjoni, mill-anqas waħda minn dawn l-attivitajiet fejn jidħol il-materjal riproduttiv tal-pjanti, ***bil-ħsieb tad-disponibbiltà fis-suq***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt din il-leġiżlazzjoni u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta kwalità standardizzata.

Emenda 135

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tipproduċi;

Emenda

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi ma jilleġiżlawx dwar il-produzzjoni tal-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti.

Emenda 136

Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) tipproduċi;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt dan ir-Regolament u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta l-kwalità.

Emenda 137

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 - subpunt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) tipproduċi;

imħassar

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-produzzjoni għandha tiġi rregolata f'qasam ieħor.

Emenda 138

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) tipproduċi;

(a) tipproduċi *sabiex tagħmel disponibbli fis-suq direttament;*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi produtturi m'għandhomx jitqiesu bħala operaturi professjonisti, pereżempju l-bdiewa taħt kuntratt ma' kumpaniji speċjalisti

Emenda 139

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) tnissel;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi: id-Direttivi ma jillegiżlawx dwar it-tnissil tal-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti

Emenda 140

Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) tnissel;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt dan ir-Regolament u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta l-kwalità.

Emenda 141
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) iżżomm;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi: id-Direttivi ma jillegizlawx dwar iż-żamma tal-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti.

Emenda 142
Andrea Zaroni

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) iżżomm;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt dan ir-Regolament u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta l-kwalità.

Emenda 143
Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) iżżomm;

imħassar

Or. de

Ġustifikazzjoni

Hemm ukoll operaturi professjonisti jew persuni privati oħra li huma impenjati fis-selezzjoni konservattiva ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, li ma għandhomx jiġu koperti b'dan ir-Regolament.

Emenda 144

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) tipprovdi servizzi;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi.

Emenda 145

Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) tipprovdi servizzi;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt dan ir-Regolament u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta l-kwalità.

Emenda 146

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) tippreserva, inkluż taħżen; u

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi.

Emenda 147

Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) tippreserva, inkluż taħżen; u

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt dan ir-Regolament u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta l-kwalità.

Emenda 148

Andrea Zanoni

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) tagħmel disponibbli fis-suq.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-operatur li jagħmel il-materjal disponibbli fis-suq li għandu jaqa' taħt dan ir-Regolament u jkun responsabbli biex jiżgura li tiġi pprovduta l-kwalità.

Emenda 149
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) “ġennien fid-dar” tfisser individwu, organizzazzjoni tal-karità jew grupp komunitarju li jwettaq il-ġardinaġġ bħala divertiment għal finijiet li jistgħu jinkludu l-ġbir ta' fondi għall-karità.

Or. en

Emenda 150
Françoise Grossetête

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) “utent finali mhux professjonist”:
tfisser persuna li taġixxi għal finijiet li huma barra min-negozju, il-kummerè jew il-professjoni tagħha, li takkwista għall-użu tagħha stess pjanti jew prodotti mill-

pjanti.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' "operaturi professjonisti" hija wisq ristretta u konsegwentement twassal għal definizzjoni wisq wiesgħa ta' operaturi "oħra". L-esklużjoni għandha tikkonċerna lid-dilettanti, billi tiġi ispirata mid-definizzjoni ta' "utent finali" bħalma huwa definit fir-Regolament Ewropew dwar il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti.

Emenda 151

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) "materjal riproduttiv tal-foresti" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub għall-finijiet ta' foresta;

imħassar

Or. de

Ġustifikazzjoni

Materjal riproduttiv tal-foresti ma għandux jiġi inkluż.

Emenda 152

Satu Hassi, Wojciech Michał Olejniczak

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) "materjal riproduttiv tal-foresti" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub għall-finijiet ta' foresta;

imħassar

(Dan it-tibdil fil-kamp ta' applikazzjoni għandu jiġi rifless fil-kliem tat-test kollu, inkluż il-Premessi. L-adozzjoni tiegħu

timponi bidliet korrispondenti fit-test kollu)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-materjal riproduttiv tal-foresti regolat bid-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti m'għandux jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 153

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) “Kwantitajiet żgħar” għandha tiġi definita bħala kwantitajiet mhux ikbar minn dawk suffiċjenti biex jinżergħu jew jiġihawlu 0.25 ettari ta' art bir-rati normali taż-żrigħ jew tat-tħawwil għall-ispeċijiet ikkonċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' “kwantitajiet żgħar” għandu jiġi ddefinit f'dan ir-Regolament.

Emenda 154

Linda McAvan

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) “ġennien fid-dar” tfisser persuna privata li tuża l-materjal riproduttiv tal-pjanti fil-ġnien assoċjat mad-dar tagħha

jew fi ġnien allokat jew l-ekwivalenti.

Or. en

Emenda 155
Giancarlo Scottà

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) "reġjun tal-orġini": ir-reġjun jew ir-reġjuni fejn il-varjetà hija jew kienet ikkultivata b'mod tradizzjonali. Din id-definizzjoni ma tapplikax għat-taħlita tal-preservazzjoni rregolata mill-Artikolu 33.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' ċarezza legali, tiġi trasferuta d-definizzjoni ta' "reġjun tal-orġini" kif tinsab fl-Artikolu 53(1)(f).

Emenda 156
James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) "Azjenda tiegħu stess" għandha titqies li hi kwalunkwe azjenda jew parti minnha li titħaddem fl-istess entità komuni tan-negozju.

Iż-żrieragħ prodotti għandhom ikunu adegwati għall-użu fuq art imħaddma fl-istess entità komuni tan-negozju, fejn l-entità tan-negozju tikkondividi r-riskji u l-gwadanji finanzjarji tal-għelejjel.

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' "azjenda tiegħu stess" tippermetti l-moviment taż-żrieragħ bejn l-azjendi mħaddma minn entità unika tan-negozju responsabbli mir-riskji u l-gwadanji finanzjarji tal-għelejjel.

Emenda 157
Giancarlo Scottà

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) "żona ta' adattament": ir-reġjun jew ir-reġjuni fejn il-varjetà ġiet adottata b'mod naturali, differenti mir-reġjun tal-orġini.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' ċarezza legali, tiġi trasferuta d-definizzjoni ta' "reġjun tal-orġini" kif tinsab fl-Artikolu 53(1)(f).

Emenda 158
James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti għandu jkun soġġett għall-ebda restrizzjoni dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà tiegħu fis-suq, ħlief dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, fid-Direttiva 94/62/KE, ir-Regolament (KE) Nru 338/97, id-Direttiva 2001/18/KE, ir-Regolament (KE)

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti għandu jkun soġġett għall-ebda restrizzjoni dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà tiegħu fis-suq, ħlief dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, fid-Direttiva 94/62/KE, ir-Regolament (KE) ***Nru 2100/1994 u l-leġiżlazzjoni korrispondenti tal-Istati***

Nru 1829/2003, ir-Regolament (KE)
Nru 1830/2003, ir-Regolament (UE)
*No .../... [Office of Publication, please
insert number of Regulation on protective
measures against pests of plants] u fil-
leġislazzjoni tal-Unjoni li tillimita l-
produzzjoni jew id-disponibbiltà fis-suq ta'
speċijiet eżotiċi invażivi.*

Membri, ir-Regolament (KE) Nru 338/97,
id-Direttiva 2001/18/KE, ir-Regolament
(KE) Nru 1829/2003, ir-Regolament (KE)
Nru 1830/2003, ir-Regolament (UE)
Nru 2100/1994 ^{21a} *[Office of Publication,
please insert number of Regulation on
protective measures against pests of plants]
u fil-leġislazzjoni tal-Unjoni li tillimita l-
produzzjoni jew id-disponibbiltà fis-suq ta'
speċijiet eżotiċi invażivi.*

^{21a} ***ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żieda ta' referenza għar-Regolament dwar id-Drittijiet ta' Varjetajiet ta' Pjanti fil-Komunità.

Emenda 159

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi professjonisti għandhom ikunu rreġistrati fir-registri msemmija fl-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru .../... (Office of Publication, please insert number of Regulation on protective measures against pests of plants) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament.

Emenda

L-operaturi professjonisti għandhom ikunu rreġistrati fir-registri msemmija fl-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru .../... ^{21b} (Office of Publication, please insert number of Regulation on protective measures against pests of plants) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament, ***sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.***

^{21b} ***ĠU L ..., ..., p. ...***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux meħtieġ li n-negozji li jbigħu l-materjal riproduttiv tal-pjanti biss lill-utenti mhux professjonisti jintalbu jirreġistraw.

Emenda 160

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operaturi professjonisti li jikkummerċjalizzaw biss u b'mod dirett lill-utenti finali mhux professjonisti, bħall-ġenniena fid-dar, għandhom jiġu esklużi mir-rekwiżit li jirreġistraw bħala operaturi professjonisti taħt dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux meħtieġ li n-negozji li jbigħu l-materjal riproduttiv tal-pjanti biss lill-utenti mhux professjonisti jintalbu jirreġistraw.

Emenda 161

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti li **jiġi prodott u** jsir disponibbli fis-suq taħt il-kontroll tagħhom, ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti li jsir disponibbli fis-suq taħt il-kontroll tagħhom, ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM, jiġifieri materjal ta' propagazzjoni tal-frott, pjanti ornamentalni u ħxejjex). Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Il-kamp ta'

applikazzjoni tar-Regolament għandu jiġi ristrett għall-kummerċjalizzazzjoni u l-kliem “jiġi prodott u” għandu jiġihassar mill-Artikolu 6.

Emenda 162

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti li **jiġi prodott u** jsir disponibbli fis-suq taħt il-kontroll tagħhom, ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.

Emenda

L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti li jsir disponibbli fis-suq taħt il-kontroll tagħhom, ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-produzzjoni ma għandhiex tiġi koperta b’dan ir-Regolament.

Emenda 163

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-responsabbiltajiet speċifiċi tal-operaturi professjonisti **li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti**

Emenda

Ir-responsabbiltajiet speċifiċi tal-operaturi professjonisti

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM, jiġifieri materjal ta’ propagazzjoni tal-frott, pjanti ornamentalni u ħxejjex). Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f’liema każ tal-aħħar m’għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament għandu jiġi ristrett għall-kummerċjalizzazzjoni u l-kliem “li

jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti” għandu jitneħħa kompletament mill-Artikolu 7.

Emenda 164

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-responsabbiltajiet speċifiċi tal-operaturi professjonisti li **jipproduċu** materjal riproduttiv tal-pjanti

Ir-responsabbiltajiet speċifiċi tal-operaturi professjonisti li **jqiegħdu fis-suq** materjal riproduttiv tal-pjanti

Or. de

Emenda 165

Karin Kadenbach, Christel Schaldemose, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operaturi professjonisti **li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti** għandhom:

L-operaturi professjonisti għandhom:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM, jiġifieri materjal ta' propagazzjoni tal-frott, pjanti ornamentali u ħxejjex). Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għandu jiġi ristrett għall-kummerċjalizzazzjoni u l-kliem “li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti” għandu jitneħħa kompletament mill-Artikolu 7.

Emenda 166

João Ferreira

f' isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi professjonisti li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti għandhom:

Emenda

L-operaturi professjonisti li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti, **li mhumiex bdiewa li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti fir-razzett tagħhom stess, f'isimhom stess, u għall-benefiċċju tagħhom stess**, għandhom:

Or. pt

Emenda 167
Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi professjonisti li **jipproduċu** materjal riproduttiv tal-pjanti **għandhom**:

Emenda

L-operaturi professjonisti li **jqiegħdu fis-sug** materjal riproduttiv tal-pjanti,

Or. de

Emenda 168
James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) jagħmlu disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti, meta jintalbu, kull kuntratt ma' partijiet terzi.

Emenda

(h) jagħmlu disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti, meta jintalbu, kull kuntratt ma' partijiet terzi **li jikkonċerna l-produzzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti**.

Or. en

Emenda 169

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun traċċabbli *f'kull stadju tal-produzzjoni u d-disponibbiltà* fis-suq.

Emenda

1. L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun traċċabbli *fid-dħul u l-ħruġ tal-post tan-negozju ta' kull operatur involut fid-disponibbiltà tiegħu* fis-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traċċabilità f'kull stadju tal-produzzjoni hija impossibbli, peress li huwa impossibbli li jiġu ntraċċati l-biċċiet maqtugħa lura għal siġra xiħa tat-tuffieħ, jew PRM li jinstab fil-selvaġġ. Dan ir-rekwiżit la huwa realistiku u lanqas possibbli, u juri kif din il-leġiżlazzjoni hija eżempju ta' "ħsieb f'direzzjoni unika". It-traċċabilità għandha tapplika biss fejn hija meħtieġa u proporzjonata. Għal din ir-raġuni, ir-rekwiżit tat-traċċabilità "f'kull stadju tal-produzzjoni" tal-PRM għandu jitneħħa.

Emenda 170

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun traċċabbli *f'kull stadju tal-produzzjoni u d-disponibbiltà* fis-suq.

Emenda

1. L-operaturi professjonisti għandhom jiżguraw li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun traċċabbli *fl-istadji tad-dħul u l-ħruġ tal-prodotti fil-kuntest tad-disponibbiltà* fis-suq.

Or. de

Emenda 171

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu informazzjoni li biha jkunu jistgħu jidentifikaw ***l-operaturi professjonisti, li fornewhom*** bil-materjal riproduttiv tal-pjanti, u l-materjal ikkonċernat.

Emenda

Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu informazzjoni li biha jkunu jistgħu jidentifikaw ***il-persuni li lihom ikunu fornew*** bil-materjal riproduttiv tal-pjanti, u l-materjal ikkonċernat, ***sakemm dak il-materjal ma jkunx ġie fornut lil konsumaturi li mhumiex professjonisti.***

Or. en

Emenda 172
James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu informazzjoni li biha jkunu jistgħu jidentifikaw il-persuni li lihom ikunu fornew bil-materjal riproduttiv tal-pjanti u l-materjal ikkonċernat, sakemm il-materjal ma jkunx ġie fornut bil-bejgħ bl-immnut.

Emenda

Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu informazzjoni li biha jkunu jistgħu jidentifikaw il-persuni li lihom ikunu fornew bil-materjal riproduttiv tal-pjanti u l-materjal ikkonċernat, sakemm il-materjal ma jkunx ġie fornut bil-bejgħ bl-immnut ***lil utenti finali mhux professjonisti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux meħtieġ li jinżammu r-rekords tal-bejgħ lil utenti mhux professjonisti.

Emenda 173
Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu informazzjoni li biha jkunu jistgħu jidentifikaw il-persuni li lihom ikunu fornaw bil-materjal riproduttiv tal-pjanti u l-materjal ikkonċernat, sakemm il-materjal ma jkunx ġie fornaw bil-bejgħ bl-imnut.

Emenda

Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operaturi professjonisti, ***bl-eċċezzjoni tal-bdiewa li jiskambjaw iż-żrieragħ mill-azjenda agrikola tagħhom stess u f'isimhom stess, u l-operaturi li l-fatturat annwali tagħhom jew it-total tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbiżx EUR 2 miljun,*** għandhom iżommu informazzjoni li biha jkunu jistgħu jidentifikaw il-persuni li lihom ikunu fornaw bil-materjal riproduttiv tal-pjanti u l-materjal ikkonċernat, sakemm il-materjal ma jkunx ġie fornaw bil-bejgħ bl-imnut.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'ħafna każijiet ma jkunx fattibbli li tinżamm informazzjoni upstream u downstream dwar il-fornituri u l-persuni li lilhom ġie fornaw il-PRM. Dan huwa speċjalment minnu għall-bdiewa li jbigħu jew jiskambjaw il-PRM fuq is-swieq lokali, fejn huwa impossibbli li jinżamm rekord tal-klijenti kollha. Dan jimmina wkoll il-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-PRM. Il-bdiewa li jiskambjaw iż-żrieragħ imfaddla fl-azjendi agrikoli (jew PRM ieħor) għandhom jiġu eżentati mill-obbligi tal-“operaturi professjonisti”.

Emenda 174

João Ferreira

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-każ tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li mhux materjal riproduttiv tal-foresti, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu rekords tal-materjal riproduttiv tal-pjanti msemmi fil-paragrafi 2 u 3 għal tliet snin wara li dan il-materjal ikun ġie fornaw

Emenda

Fil-każ tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li mhux materjal riproduttiv tal-foresti, l-operaturi professjonisti, ***li mhumiex bdiewa li jagħmlu skambju ta' żerriegħa mir-razzett tagħhom stess, f'isimhom stess, u għall-benefiċċju tagħhom stess,***

lilhom jew ikunu fornewh huma
rispettivament.

għandhom iżommu rekords tal-materjal
riproduttiv tal-pjanti msemmi fil-
paragrafi 2 u 3 għal tliet snin wara li dan il-
materjal ikun ġie fornut lilhom jew ikunu
fornewh huma rispettivament. ***Din id-
dispożizzjoni ma għandiex tapplika għall-
materjal riproduttiv tal-pjanti li mhux
imniżżel fil-lista skont it-Titolu IV jew
għall-materjal eteroġenju kif imsemmi fl-
Artikolu 14(3).***

Or. pt

Emenda 175

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-każ tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, ***li
mhux materjal riproduttiv tal-foresti***, l-
operaturi professjonisti għandhom iżommu
rekords tal-materjal riproduttiv tal-pjanti
msemmi fil-paragrafi 2 u 3 għal tliet snin
wara li dan il-materjal ikun ġie fornut
lilhom jew ikunu fornewh huma
rispettivament.

Emenda

Fil-każ tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, l-
operaturi professjonisti għandhom iżommu
rekords tal-materjal riproduttiv tal-pjanti
msemmi fil-paragrafi 2 u 3 għal tliet snin
wara li dan il-materjal ikun ġie fornut
lilhom jew ikunu fornewh huma
rispettivament.

Or. de

Emenda 176

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

***Fil-każ tal-materjal riproduttiv tal-foresti,
il-perjodu rispettiv għandu jkun għaxar
snin.***

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Materjal riproduttiv tal-foresti għandu jiġi kompletament eskluż minn dan ir-Regolament.

Emenda 177
Christa Klaß

Proposta għal regolament
Parti 3 - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

IL-MATERJAL RIPRODUTTIV TAL-
PJANTI ***LI MHUX*** MATERJAL
RIPRODUTTIV TAL-FORESTI

Emenda

MATERJAL RIPRODUTTIV TAL-
PJANTI ***MINBARRA*** MATERJAL
RIPRODUTTIV TAL-FORESTI ***U***
MATERJAL GĦALL-PROPAGAZZJONI
VEĠETATTIVA TAD-DIELJA

Ġustifikazzjoni

Hu meqjus importanti, li l-qasam tad-dwieli, bħall-qasam tal-forestrija, għandu jinżamm separat.

Emenda 178
Christa Klaß

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din il-Parti għandha tapplika għall-
produzzjoni, bil-ħsieb ta' disponibbiltà fis-
suq, u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal
riproduttiv tal-pjanti li mhux materjal
riproduttiv tal-foresti.

Emenda

Din il-parti għandha tapplika għall-
produzzjoni, bil-ħsieb ta' disponibbiltà fis-
suq, u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal
riproduttiv tal-pjanti li mhux materjal
riproduttiv tal-foresti ***u materjal għall-
propagazzjoni veġetattiva tad-dielja.***

Ġustifikazzjoni

Hu meqjus importanti, li l-qasam tad-dwieli, bħall-qasam tal-forestrija, għandu jinżamm separat.

Emenda 179

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din il-Parti għandha tapplika **għall-produzzjoni, bil-ħsieb ta' disponibbiltà** fis-suq, **u d-disponibbiltà fis-suq** ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li mhux materjal riproduttiv tal-foresti.

Emenda

Din il-parti għandha tapplika **għad-disponibbiltà** fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li mhux materjal riproduttiv tal-foresti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM, jiġifieri materjal ta' propagazzjoni tal-frott, pjanti ornamentalni u ħxejjex). Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Il-kliem "għall-produzzjoni, bil-ħsieb ta' disponibbiltà fis-suq, u" għandu jitħassar mill-Artikolu 9.

Emenda 180

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "klonu" tfisser wild individwali, li oriġinarjament ġej minn pjanta oħra b'riproduzzjoni veġetattiva, li jibqa' identiku ġenetikament għal dan tal-aħħar;

Emenda

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni proposta mhix bijoloġikament preċiża; fil-forma attwali tagħha tkun tapplika wkoll għal kwalunkwe pjanta li tiġi riprodotta b'mod veġetattiv. L-użu tal-kloni għall-frott u l-istokk tad-dwieli diġà huwa kopert b'mod adegwat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u kienu meħtieġa skemi ta' reġistrazzjoni f'dawk l-Istati Membri fejn hemm il-produzzjoni.

Emenda 181

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet" tfisser l-azzjonijiet li jiżguraw li varjetà tibqa' konsistenti **mad-deskrizzjoni** tagħha;

Emenda

(5) "selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet" tfisser l-azzjonijiet li jiżguraw li varjetà tibqa' konsistenti **mal-karatteristiċi agronomiċi rilevanti** tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni oriġinali ta' "selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet" mhix dinamika. Tkun ta' żvantaġġ għall-PRM li jibqa' identiku ma' deskrizzjoni fissa, li hija ritratt fiż-żmien, filwaqt li l-kundizzjonijiet jinbidlu u l-varjetà tadatta. Għalhekk "Selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet" jeħtieġ li terġa' tiġi ddefinita skont il-karattru ħaj u dinamiku tal-PRM.

Emenda 182

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "materjal prebażiku" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li qiegħed fl-ewwel stadju tal-produzzjoni u hu maħsub għall-produzzjoni ta' kategoriji oħra tal-materjal riproduttiv tal-pjanti;

Emenda

(6) "materjal prebażiku" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li qiegħed fl-ewwel stadju tal-produzzjoni **taħt kontroll uffiċjali** u hu maħsub għall-produzzjoni ta' **iżjed materjal prebażiku** u kategoriji oħra tal-materjal riproduttiv tal-pjanti;

Ġustifikazzjoni

Dan jiżgura li jkun hemm flessibbiltà biex tiġi riflessa l-prattika attwali. Id-dettall ivarja minn speċi għal speċi

Emenda 183

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) "materjal bażiku" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġie prodott mill-materjal prebażiku, u hu maħsub għall-produzzjoni ta' materjal iċċertifikat;

Emenda

(7) "materjal bażiku" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġie prodott mill-materjal prebażiku **jew bażiku**, u hu maħsub għall-produzzjoni ta' **iżjed materjal bażiku jew materjal** iċċertifikat;

Ġustifikazzjoni

Dan jiżgura li jkun hemm flessibbiltà biex tiġi riflessa l-prattika attwali. Id-dettall ivarja minn speċi għal speċi

Emenda 184

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) "materjal iċċertifikat" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġie prodott mill-materjal prebażiku jew **mill-materjal bażiku**;

Emenda

(8) "materjal iċċertifikat" tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġie prodott mill-materjal prebażiku, **bażiku jew iċċertifikat u hu maħsub għall-produzzjoni ta' iżjed materjal iċċertifikat jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-għelejjel kummerċjali**;

Ġustifikazzjoni

Dan jiżgura li jkun hemm flessibbiltà biex tiġi riflessa l-prattika attwali. Id-dettall ivarja minn speċi għal speċi

Emenda 185
Christa Klaß

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) ‘materjal eteroġenju’ jfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jappartjenix għal xi varjetà kif imsemmi fil-punt 1 ta’ dan l-Artikolu u li mhuwiex taħlita ta’ varjetajiet;

Emenda 186
Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) “materjal eteroġenju” tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jappartjenix għal varjetà kif iddefinita fl-Artikolu 10(1), u mhux taħlita ta’ varjetajiet jew pjanti protetti minn kwalunkwe dritt tal-proprjetà intellettwali.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li l-“materjal eteroġenju” jiġi ddefinit b’mod pożittiv, f’konformità mad-definizzjoni xjentifika ta’ “varjetajiet tal-popolazzjoni”, u li jiġi ċċarat li l-materjal

eteroġenju ma jistax ikun fih varjetajiet protetti bid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż id-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti, sabiex jiġu protetti d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR).

Emenda 187

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) “materjal eteroġenju” tfisser materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jappartjenix għal varjetà kif iddefinita fl-Artikolu 10(1), u mhux taħlita ta' varjetajiet protetti minn kwalunkwe dritt tal-proprjetà intellettuali.

Or. en

Emenda 188

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Parti III – titolu II

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun jappartjeni għall-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I

Id-disponibbiltà fis-suq tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun jappartjeni għall-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-PRM. Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Billi la huwa fattibbli u lanqas realistiku li l-produzzjoni taż-żrieragħ u pjanti oħra li jistgħu jintużaw bħala PRM tiġi soġġetta għal din il-leġiżlazzjoni, il-kliem “Il-produzzjoni u” għandu jitħassar mit-Titolu II

tal-Parti III.

Emenda 189

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Dan it-Titolu għandu japplika **għall-produzzjoni u d-disponibbiltà** fis-suq tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għal ġeneri u speċijiet konformi ma' wieħed jew bosta mill-kriterji li ġejjin:

1. Dan it-Titolu għandu japplika **għad-disponibbiltà** fis-suq tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għal ġeneri u speċijiet konformi ma' wieħed jew bosta mill-kriterji li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-PRM. Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Billi la huwa fattibbli u lanqas realistiku li l-produzzjoni taż-żrieragħ u pjanti oħra li jistgħu jintużaw bħala PRM tiġi soġġetta għal din il-leġislazzjoni, il-kliem “għall-produzzjoni u” għandu jitħassar mill-Artikolu 11.

Emenda 190

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ikunu jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-produzzjoni;

(a) ikunu jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-produzzjoni, **ikbar minn 0.1 % tal-erja agrikola totali tal-Unjoni Ewropea;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 290 tat-TFUE jiddikjara “1. Att leġislattiv jista’ jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa [...] sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċertu elementi mhux essenzjali tal-att

leġislattiv.” L-Anness I mhuwiex “mhux essenzjali”, imma aspett prinċipali tar-Regolament, li jiddeskrivi l-kamp ta’ applikazzjoni għall-ġeneri u l-ispeċijiet, minkejja li b’mod vag. Ir-Regolament għandu japplika biss għal dawk l-ispeċijiet u l-ġeneri li jilħqu iżjed minn wieħed għal kull elf tal-erja tal-produzzjoni fl-Unjoni Ewropea.

Emenda 191

João Ferreira

f’isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ikunu jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-produzzjoni;

(a) ikunu jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-produzzjoni **li taqbeż 0.1 % taż-żona agrikola totali tal-Unjoni**;

Or. pt

Emenda 192

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) ikunu jirrappreżentaw valur sinifikanti tal-produzzjoni;

(b) ikunu jirrappreżentaw valur sinifikanti tal-produzzjoni, **ikbar minn 0.1 % tal-valur totali tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni Ewropea**;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 290 tat-TFUE jiddikjara “1. Att leġislattiv jista’ jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa [...] sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċertu elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv.” L-Anness I mhuwiex “mhux essenzjali”, imma aspett prinċipali tar-Regolament, li jiddeskrivi l-kamp ta’ applikazzjoni għall-ġeneri u l-ispeċijiet, minkejja li b’mod vag. Ir-Regolament għandu japplika biss għal dawk l-ispeċijiet u l-ġeneri li jilħqu iżjed minn wieħed għal kull elf tal-valur totali tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni Ewropea.

Emenda 193

João Ferreira

f' isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ikunu jirrappreżentaw **valur** sinifikanti tal-produzzjoni;

Emenda

(b) ikunu jirrappreżentaw **parti** sinifikanti **mill-produzzjoni, li taqbeż 0.1 % tal-valur totali** tal-produzzjoni **agrikola tal-Unjoni**;

Or. pt

Emenda 194

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **jiġu prodotti jew** isiru disponibbli fis-suq minn għadd sinifikanti ta' operaturi professjonisti fl-Unjoni

Emenda

(c) isiru disponibbli fis-suq minn għadd sinifikanti ta' operaturi professjonisti fl-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi ma jillegiżlawx dwar il-produzzjoni tal-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti.

Emenda 195

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ***jigū prodotti jew*** isiru disponibbli fis-suq minn għadd sinifikanti ta' ***operaturi professjonisti*** fl-Unjoni

(c) isiru disponibbli fis-suq minn għadd sinifikanti ta' ***iżjed minn 100 operatur professjonist*** fl-Unjoni

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 290 tat-TFUE jiddikjara “1. Att leġislattiv jista’ jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa [...] sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċertu elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv.” L-Anness I mhuwiex “mhux essenzjali”, imma aspett prinċipali tar-Regolament, li jiddeskrivi l-kamp ta’ applikazzjoni għall-ġeneri u l-ispeċijiet, minkejja li b’mod vag. Ir-Regolament għandu japplika biss għal dawk l-ispeċijiet u l-ġeneri li jigū kkummerċjalizzati minn iżjed minn 100 operatur professjonist fl-Unjoni Ewropea.

Emenda 196

João Ferreira

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ***jigū prodotti jew*** isiru disponibbli fis-suq minn ***għadd sinifikanti ta’ operaturi professjonisti*** fl-Unjoni;

(c) isiru disponibbli fis-suq minn ***iktar minn 100 operatur professjonist*** fl-Unjoni;

Or. pt

Emenda 197

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) ***ikun fihom sustanzi li, għall-użi kollha jew għal użi partikolari, iridu jkunu***

imħassar

***soġġetti għal regoli dwar il-protezzjoni
tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali u tal-
ambjent.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni hija wiesgħa wisq u b'hekk setgħet tkopri kwistjonijiet li huma lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni maħsub għar-Regolament; b'mod partikolari billi għad baqa' atti delegati mhux definiti marbuta ma' dan.

Emenda 198

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Dan it-Titolu m'għandux japplika għal:

- Speċijiet esklussivament għall-użu ornamental;

- Materjal riproduttiv tal-pjanti tal-ispeċijiet tal-Anness I maħsub għall-użu ornamental jew għall-użu biss tal-utenti mhux professjonisti, sakemm ma jkunx meħtieġ livell ogħla ta' kontroll għall-finijiet tas-saħħa tal-pjanti.

- Materjal riproduttiv tal-pjanti tal-ispeċijiet tal-Anness I maħsub għall-użu ornamental jew ikkummerċjalizzat fi kwantitajiet żgħar lil utenti mhux professjonisti, bħall-ġenniena fid-djar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Materjal riproduttiv tal-pjanti mibjugħ għall-finijiet ornamental, u lil utenti finali mhux professjonisti għandu jiġi eskluż mill-kontrolli fit-Titolu II.

Emenda 199
Linda McAvan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Dan it-Titolu m'għandux japplika għall-materjal ta' propagazzjoni tal-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I, meta l-materjal:

- huwa maħsub għall-użu ornamentali, jew

- jiġi kkummerċjalizzat għall-ġenniena fid-djar.

Dak il-materjal jiġi kopert bid-dispożizzjonijiet tat-Titolu III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti għall-finijiet ornamentali u materjal ta' propagazzjoni maħsub għall-bejgħ lill-ġenniena fid-djar m'għandhomx jiġu rregolati bl-istess mod bħaż-żrieragħ għall-agrikoltura kummerċjali. Għalhekk għandhom jiġu esklużi mill-kontrolli fit-Titolu II u koperti bid-dispożizzjonijiet fit-Titolu III, li għandu jipprovdi għall-protezzjoni tal-konsumatur.

Emenda 200
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti *jista'* biss jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq, taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

1. L-operaturi jieħdu d-deċiżjoni li jagħmlu disponibbli fis-suq materjal riproduttiv tal-pjanti bħala materjal standard jew bħala materjal għaddej miċ-ċertifikazzjoni. Fil-każ tal-materjal

għaddej miċ-ċertifikazzjoni, il-materjal riproduttiv tal-pjanti **għandu** jsir disponibbli fis-suq, taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja ta' lottijiet individwali awtomatikament teskludi mis-suq il-PRM li ma jissodisfax dawn il-kriterji, anke jekk ikollu kwalitajiet li jistgħu jkunu interessanti għan-nissjela. It-tikketta tal-operatur jew it-tikketta ta' kwalità għandha tiggarrantixxi t-trasparenza, is-sigurtà u l-kwalità. Iċ-ċertifikazzjoni volontarja għandha ttiprovdi lis-suq materjal standardizzat, imma wkoll tipi oħra ta' PRM. Anke "produzzjoni" għandha titħassar għaliex ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi eżistenti.

Emenda 201

João Ferreira

f' isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' biss jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq, taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Emenda

1. ***L-operaturi għandhom jiddeċiedu jekk jagħmlux*** il-materjal riproduttiv tal-pjanti ***disponibbli fis-suq bħala materjal standard jew bħala materjal iċċertifikat. Fil-każ ta' materjali ċċertifikati, il-materjal riproduttiv tal-pjanti*** jista' biss jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq, taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Or. pt

Emenda 202

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

(d) materjal standard.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja ta' lottijiet individwali awtomatikament teskludi mis-suq il-PRM li ma jissodisfax dawn il-kriterji, anke jekk ikollu kwalitajiet li jistgħu jkunu interessanti għan-nissjela. It-tikketta tal-operatur jew it-tikketta ta' kwalità għandha tiggarrantixxi t-trasparenza, is-sigurtà u l-kwalità. Iċ-ċertifikazzjoni volontarja għandha tipprovdi lis-suq materjal standardizzat, imma wkoll tipi oħra ta' PRM.

Emenda 203

Satu Hassi, Karin Kadenbach

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2**

2. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti ma jistax jiġi prodott jew isir disponibbli fis-suq bħala materjal standard, jekk dan ikun jappartjeni għal ġeneri jew speċijiet li għalihom l-ispejjeż u l-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni meħtieġa biex jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq materjal riproduttiv tal-pjanti bħala materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, ikunu proporzjonati:

imħassar

(a) għall-fini li tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel u l-għalf; u

(b) għal-livell ogħla ta' identità, saħħa u kwalità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġej meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għal materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, meta mqabbla ma' dawk għal materjal standard.

(It-tħassir tal-Artikolu 12, il-paragrafi 2-4 u r-referenzi kollha għalihom.)

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja ta' lottijiet individwali awtomatikament teskludi mis-suq il-PRM li ma jissodisfax dawn il-kriterji, anke jekk ikollu kwalitajiet li jistgħu jkunu interessanti għan-nissjela. Għalhekk l-operaturi għandu jkollhom l-għażla li jiċċertifikaw iż-żrieragħ tagħhom. Iċ-ċertifikazzjoni volontarja għandha ttiprovdi lis-suq materjal standardizzat, imma wkoll tipi oħra ta' PRM. Għandu jkun possibbli li l-ispeċijiet kollha tal-Anness I jiġu kkummerċjalizzati bit-ticketta tal-operatur.

Emenda 204

João Ferreira

f' isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti ma jistax jiġi prodott jew isir disponibbli fis-suq bħala materjal standard, jekk dan ikun jappartjeni għal ġeneri jew speċijiet li għalihom l-ispejjeż u l-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni meħtieġa biex jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq materjal riproduttiv tal-pjanti bħala materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, ikunu proporzjonati:

imħassar

(a) għall-fini li tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel u l-għalf; u

(b) għal-livell ogħla ta' identità, saħħa u kwalità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġej meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għal materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, meta mqabbla ma' dawk għal materjal standard.

Emenda 205

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti ma jistax jiġi prodott jew isir disponibbli fis-suq bħala materjal standard, jekk dan ikun jappartjeni għal ġeneri jew speċijiet li għalihom l-ispejjeż u l-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni meħtieġa biex jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq materjal riproduttiv tal-pjanti bħala materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, ikunu proporzjonati:

imħassar

(a) għall-fini li tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel u l-għalf; u

(b) għal-livell ogħla ta' identità, saħħa u kwalità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġej meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għal materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, meta mqabbla ma' dawk għal materjal standard.

Or. de

Emenda 206

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti ma jistax jiġi prodott jew isir disponibbli fis-suq bħala materjal standard, jekk dan ikun jappartjeni għal ġeneri jew speċijiet li għalihom l-ispejjeż u l-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni meħtieġa biex jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq materjal riproduttiv tal-pjanti bħala materjal

imħassar

prebażiku, bażiku u ċċertifikat, ikunu proporzjonati:

(a) għall-fini li tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel u l-għalf; u

(b) għal-livell ogħla ta' identità, saħħa u kwalità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġej meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għal materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, meta mqabbla ma' dawk għal materjal standard.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja ta' lottijiet individwali awtomatikament teskludi mis-suq il-PRM li ma jissodisfax dawn il-kriterji, anke jekk ikollu kwalitajiet li jistgħu jkunu interessanti għan-nissjela. Għalhekk l-operaturi għandu jkollhom l-għażla li jiċċertifikaw iż-żrieragħ tagħhom. Iċ-ċertifikazzjoni volontarja għandha ttiprovdi lis-suq materjal standardizzat, imma wkoll tipi oħra ta' PRM. Għandu jkun possibbli li l-ispeċijiet kollha tal-Anness 1 jiġu kkummerċjalizzati b'tikketta tal-operatur. It-tfassir tal-Artikolu 12, il-paragrafi 2-4 u r-referenzi kollha għalihom

Emenda 207

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) għal-livell ogħla ta' identità, saħħa u kwalità tal-materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun ġej meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għal materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, meta mqabbla ma' dawk għal materjal standard.

imħassar

Or. de

Emenda 208

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 140, li jelenkaw il-ġeneri jew l-ispeċijiet li l-materjal riproduttiv tal-pjanti tagħhom ma jistax jitqiegħed fis-suq bħala materjal standard, kif jissema fil-paragrafu 2.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja ta' lottijiet individwali awtomatikament teskludi mis-suq il-PRM li ma jissodisfax dawn il-kriterji, anke jekk ikollu kwalitajiet li jistgħu jkunu interessanti għan-nissela. Għalhekk l-operaturi għandu jkollhom l-għażla li jiċċertifikaw iż-żrieragħ tagħhom. Iċ-ċertifikazzjoni volontarja għandha tipprovdi lis-suq materjal standardizzat, imma wkoll tipi oħra ta' PRM. Għandu jkun possibbli li l-ispeċijiet kollha tal-Anness 1 jiġu kkummerċjalizzati b'ticketta tal-operatur.

Emenda 209

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. B'deroga mill-paragrafu 2 u 3, il-materjal riproduttiv tal-pjanti għandu jiġi prodott biss u jsir disponibbli fis-suq biss bħala materjal standard jekk ikun japplika xi wieħed jew bosta mill-każijiet li ġejjin:

imħassar

(a) dan ikun jappartjeni għal varjetà b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment;

(b) dan ikun materjal eteroġenju skont it-tifsira tal-Artikolu 14(3);

(c) dan ikun materjal ta' suq niċċa skont

it-tifsira tal-Artikolu 36(1).

Or. de

Emenda 210

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. B’deroga mill-paragrafu 2 u 3, il-materjal riproduttiv tal-pjanti għandu jiġi prodott biss u jsir disponibbli fis-suq biss bħala materjal standard jekk ikun japplika xi wieħed jew bosta mill-każijiet li ġejjin:

imħassar

(a) dan ikun jappartjeni għal varjetà b’deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment;

(b) dan ikun materjal eteroġenju skont it-tifsira tal-Artikolu 14(3);

(c) dan ikun materjal ta’ suq niċċa skont it-tifsira tal-Artikolu 36(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja ta’ lottijiet individwali awtomatikament teskludi mis-suq il-PRM li ma jissodisfax dawn il-kriterji, anke jekk ikollu kwalitajiet li jistgħu jkunu interessanti għan-nissela. Għalhekk l-operaturi għandu jkollhom l-għażla li jiċċertifikaw iż-żrieragħ tagħhom. Iċ-ċertifikazzjoni volontarja għandha ttipprovdi lis-suq materjal standardizzat, imma wkoll tipi oħra ta’ PRM. Għandu jkun possibbli li l-ispeċijiet kollha tal-Anness 1 jiġu kkummerċjalizzati bit-tikketta tal-operatur.

Emenda 211

Christa Klauß

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) dan ikun materjal eteroġenju skont it-tifsira ***tal-Artikolu 14(3)***;

Emenda

(b) dan ikun materjal eteroġenju skont it-tifsira ***tal-Artikolu 14a***;

Or. de

Emenda 212

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Dan ikun żerriegħa jew materjal riproduttiv tal-pjanti tal-ħxejjex, pjanti ornamentali, pjanti tal-frott, inbid jew ħwawar aromatiċi jew mediċi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-ħxejjex, pjanti ornamentali, pjanti tal-frott, inbid jew ħwawar aromatiċi jew mediċi, attwalment jeżistu biss żrieragħ standard, li huwa suffiċjenti. Rekwiżit tal-produzzjoni ta' żerriegħa ċċertifikata jkun qed iżid piż burokratiku sproporzjonat. Mhuwiex iġġustifikat li din is-sitwazzjoni tinbidel.

Emenda 213

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard

Id-disponibbiltà fis-suq ta' materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-PRM. Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Billi la huwa fattibbli u lanqas realistiku li l-produzzjoni taż-żrieragħ u pjanti oħra li jistgħu jintużaw bħala PRM tiġi soġġetta għal din il-leġiżlazzjoni, il-kliem “Il-produzzjoni u” għandu jitħassar mit-titolu tal-Kapitolu II u mit-titolu tal-Artikolu 13.

Emenda 214

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard

Emenda

Il-provvista u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard

Or. de

Emenda 215

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li **jiġi prodott u** jsir disponibbli fis-suq għandu jikkonforma ma':

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jsir disponibbli fis-suq għandu jikkonforma ma':

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-PRM. Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Billi la huwa fattibbli u lanqas realistiku li l-produzzjoni taż-żrieragħ u pjanti oħra li jistgħu jintużaw bħala PRM tiġi soġġetta għal din il-leġiżlazzjoni, il-kliem “jiġi prodott u” għandu jitħassar mill-Artikolu 13.

Emenda 216

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li **jiġi prodott u** jsir disponibbli fis-suq għandu jikkonforma **ma**’:

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jsir disponibbli fis-suq għandu jikkonforma **mar-rekwiżiti li ġejjin**:

Or. de

Emenda 217

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni stabbiliti fit-Taqsima 2;

Emenda

(a) ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni stabbiliti fit-Taqsima 2, **bl-eċċezzjoni tal-materjal standard**;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kategorija “Materjal standard” timmira li tintroduċi iżjed diversità fis-suq. Imma bit-test propost, l-użu tal-materjal standard se jsir anke iżjed restrittiv u jkun taħt iżjed restrizzjonijiet bl-obbligi tar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni milli huwa illum.

Emenda 218

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-rekwiżiti ***tal-produzzjoni u l-kwalità*** stabbiliti ***fit-Taqsima 3*** għall-kategorija rilevanti;

Emenda

(b) ir-rekwiżiti ***tal-kwalità*** stabbiliti ***fit-Taqsima 3*** għall-kategorija rilevanti;

Or. de

Emenda 219
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-paragrafu 1(b) ma ***għandux japplika*** għar-rekwiżiti ***tal-produzzjoni*** tal-materjal riproduttiv tal-pjanti kif jissemma fl-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 36.

Emenda

2. Il-paragrafu 1 ***(a) u 1(b)*** ma ***għandhomx japplikaw*** għar-rekwiżiti tal-materjal riproduttiv tal-pjanti kif jissemma fl-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 36.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jissostitwixxi ma jillegizlawx dwar il-produzzjoni tal-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti.

Emenda 220
Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Il-paragrafu 1(b)*** ma ***għandux japplika*** għar-rekwiżiti ***tal-produzzjoni*** tal-materjal riproduttiv tal-pjanti kif jissemma fl-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 36.

Emenda

2. ***Il-paragrafi 1(a) u 1(b)*** ma ***għandhomx japplikaw*** għar-rekwiżiti ***tal-kwalità*** tal-materjal riproduttiv tal-pjanti kif jissemma fl-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 36.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tirregola l-produzzjoni tal-PRM. Imma mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew ikel jew għalf. Billi la huwa fattibbli u lanqas realistiku li l-produzzjoni taż-żrieragħ u pjanti oħra li jistgħu jintużaw bħala PRM tiġi soġġetta għal din il-leġiżlazzjoni, il-kelma “tal-produzzjoni” għandha titħassar. Id-derogi tal-punt 2 ma japplikawx għall-produzzjoni imma għar-reqwiziti tal-kwalità. Dan għandu jitqies.

Emenda 221

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-paragrafu 1(b) ma għandux japplika għar-reqwiziti ***tal-produzzjoni*** tal-materjal riproduttiv tal-pjanti kif jissema fl-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 36.

Emenda

2. Il-paragrafu 1(***a***) u (***b***) ma għandux japplika għar-reqwiziti tal-materjal riproduttiv tal-pjanti kif jissema fl-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 36.

Or. de

Emenda 222

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' ***jiġi prodott u*** jsir disponibbli fis-suq ***biss*** jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jsir disponibbli fis-suq jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52 ***jew jekk deskrizzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti tkun disponibbli għax-xerrej.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 14.1 jeħtieġ li l-PRM biss mill-varjetajiet irreġistrati jkun jista' jsir disponibbli fis-suq. Madankollu d-definizzjoni ta' "varjetà" skont il-proposta ma tirriflettix il-kundizzjonijiet naturali tal-maġġoranza tal-pjanti ħajjin. Għalhekk id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-referenza obbligatorja għall-varjetajiet irreġistrati għandhom jitħassru. Deskrizzjoni tal-PRM tkun alternattiva adegwata għar-reġistrazzjoni tal-varjetà.

Emenda 223

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' **jiġi prodott u** jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-PRM. Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Billi la huwa fattibbli u lanqas realistiku li l-produzzjoni taż-żrieragħ u pjanti oħra li jistgħu jintużaw bħala PRM tiġi soġġetta għal din il-leġiżlazzjoni, il-kliem "jiġi prodott u" għandu jitħassar mill-Artikolu 14.

Emenda 224

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' **jiġi prodott u** jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali

f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.

tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-produzzjoni mhijiex parti mil-linji gwida li huma koperti b'dan ir-Regolament.

Emenda 225

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq **biss** jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq jekk dan jappartjeni għal varjetà rreġistrata f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-disponibbiltà fis-suq m'għandhiex tkun ristretta biss għall-PRM minn varjetajiet irreġistrati li jsegwu l-kriterji tad-DUS. Tipi differenti ta' agrikoltura jużaw tipi differenti ta' varjetajiet, u l-leġiżlazzjoni għandha tagħmilha ċara li l-materjal eteroġenu u l-varjetajiet tas-suq niċċa jistgħu jitqiegħdu fis-suq skont ir-rekwiżiti adattati.

Emenda 226

Mario Pirillo

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, is-salvaġġ ***jista'*** jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq ***mingħajr ma*** jkun ***jappartjeni għal varjetà rreġistrata*** f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni.

Emenda

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, is-salvaġġ ***irid*** jiġi prodott ***b'mod obbligatorju*** u jsir disponibbli fis-suq ***u*** jkun ***reġistrat*** f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jew fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

F'ċerta każijiet, is-salvaġġ hu l-unika mezz ta' kontroll "bijoloġiku", bħal pereżempju kontra l-follosera u hu fundamentali sabiex ikun żgurat l-aqwa adattament tal-varjetajiet għall-kundizzjonijiet tal-ħamrija.

Emenda 227
Christa Klaß

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

[...]

Emenda

imħassar

Or. de

Emenda 228
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

[...]

Emenda

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għaċ-ċarezza huwa meħtieġ li jinħoloq Artikolu separat dwar il-materjal eteroġenu (ara l-Artikolu 15). Barra minn hekk l-informazzjoni meħtieġa għandha tkun fl-att bażiku u mhux fl-atti delegati.

Emenda 229

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 140, li jistabbilixxu li b'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq mingħajr ma jkun jappartjeni għal varjetà skont it-tifsira tal-punt (1) tal-Artikolu 10 (minn hawn 'il quddiem: "materjal eteroġenu") u li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà stabbiliti fl-Artikoli 60, 61 u 62 u l-valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u/jew l-użu jew il-valur sostenibbli għall-kultivazzjoni u/jew l-użu kif stabbilit fl-Artikoli 58 u 59.

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq mingħajr ma jkun jappartjeni għal varjetà skont it-tifsira tal-punt (1) tal-Artikolu 10 (minn hawn 'il quddiem: "materjal eteroġenu") u li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà stabbiliti fl-Artikoli 60, 61 u 62 u l-valur sodisfaċenti għall-kultivazzjoni u/jew l-użu jew il-valur sostenibbli għall-kultivazzjoni u/jew l-użu kif stabbilit fl-Artikoli 58 u 59.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tipi differenti ta' agrikoltura jużaw tipi differenti ta' varjetajiet, u l-leġiżlazzjoni għandha tagħmilha ċara li l-materjal eteroġenu u l-varjetajiet tas-suq niċċa jistgħu jitqiegħdu fis-suq skont ir-rekwiżiti adattati. Id-delega tas-setgħa għandha tkun limitata għal dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni li ġejjin, u m'għandhiex tikkonċerna l-possibbiltà nnifisha li l-materjal eteroġenu jitqiegħed fis-suq.

Emenda 230

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-materjal eteroġenju, *dawk l-atti* delegati *jistgħu jistabbilixxu* wieħed jew bosta milli ġejjin:

Emenda

Għall-materjal eteroġenju, *il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti* delegati, *skont l-Artikolu 140, li jista' jistabbilixxi* wieħed jew bosta milli ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-disponibbiltà fis-suq m'għandhiex tkun ristretta biss għall-PRM minn varjetajiet irreġistrati li jsegwu l-kriterji tad-DUS. Tipi differenti ta' agrikoltura jużaw tipi differenti ta' varjetajiet, u l-leġiżlazzjoni għandha tagħmilha ċara li l-materjal eteroġenju jista' jitqiegħed fis-suq skont ir-rekwiżiti adattati.

Emenda 231

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) regoli dwar it-tikkettar u l-imballaġġ;

Emenda

(a) regoli dwar it-tikkettar u l-imballaġġ *biex jiġi indikat lix-xerrej finali r-reġjun tal-għażla tal-materjal u l-post tal-produzzjoni u d-data ta' kull lott mibjugħ; regoli dwar l-imballaġġ biex jiġi żgurat li jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta' utenti professjonisti potenzjali;*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħa għar-regoli ta' implimentazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' materjal eteroġenju.

Emenda 232

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) regoli dwar id-deskrizzjoni tal-materjal, inkluż il-metodi tat-tnissil u l-materjal ġenitur użat, id-deskrizzjoni tal-iskema tal-produzzjoni għall-materjal riproduttiv tal-pjanti u d-disponibbiltà tal-kampjuni standard;

Emenda

(b) regoli dwar id-deskrizzjoni tal-materjal, inkluż ***il-proċeduri tal-kisba***, il-metodi tat-tnissil u l-materjal ġenitur użat, id-deskrizzjoni tal-iskema tal-produzzjoni għall-materjal riproduttiv tal-pjanti u d-disponibbiltà tal-kampjuni standard, ***il-karatteristiċi kondiviżi mill-pjanti kollha li jinbtu mill-materjal, jew il-karatteristiċi kostanti (fl-għalqa u/jew fil-ħsad) imma li mhumiex neċessarjament kondiviżi meta jġtkabbar il-materjal bl-użu ta' metodu speċifiku tal-produzzjoni f'ambjent u f'reġjun speċifiku, u anke jiddependi fuq il-post u s-sena tal-lott tal-produzzjoni kkummerċjalizzat u d-disponibbiltà tal-kampjuni standard;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħa għar-regoli ta' implimentazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' materjal eteroġenju.

Emenda 233

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***regoli dwar l-informazzjoni u l-kampjuni tal-produzzjoni li jridu jżommu l-operaturi professjonisti u s-selezzjoni konservattiva tal-materjal;***

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħa għar-regoli ta' implimentazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' materjal eteroġenju.

Emenda 234

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) l-istabbiliment mill-awtoritajiet kompetenti ta' reġistri għall-materjal eteroġenju, il-modalitajiet għar-reġistrazzjoni u l-kontenut ta' dawn ir-reġistri;

(d) l-istabbiliment mill-awtoritajiet kompetenti **lokali jew nazzjonali** ta' reġistri għall-materjal eteroġenju, il-modalitajiet għar-reġistrazzjoni u l-kontenut ta' dawn ir-reġistri;

Ġustifikazzjoni

Diversi pajjiżi diġà stabbilixxew katalgi għall-materjal eteroġenju fil-livell reġjonali.

Emenda 235

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) l-istabbiliment ta' miżati, u elementi tal-ispiża għall-kalkolu ta' dawn il-miżati, fejn tidħol ir-reġistrazzjoni tal-materjal eteroġenju msemmi fil-punt (d) b'tali mod li jkun żgurat li l-miżata ma xxekkilx ir-reġistrazzjoni tal-materjal eteroġenju kkonċernat.

imħassar

Emenda 236

Corinne Lepage, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa [Office of Publications, please insert date of application of this Regulation...]. Dawn jistgħu jiġu adottati għal kull ġeneru jew speċi *partikolari*.

Emenda

Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa [Office of Publications, please insert date of application of this Regulation...]. Dawn jistgħu jiġu adottati għal kull ġeneru jew speċi *li għalih tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni*.

Or. en

Emenda 237

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

Proposta għal regolament

Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14a

Id-disponibbiltà fis-suq tal-materjal eteroġenju

Materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jiġi prodott lokalment u jkun magħmul disponibbli fis-suq bħala materjal eteroġenju, irregiŝtrat f'reġistru ta' varjetajiet nazzjonali msemmi fl-Artikolu 51, abbażi ta' deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment. Dan jinkludi fost l-oħrajn :

a) Landraces, varjetajiet tal-konservazzjoni jew għażliet minnhom li ma jikkonformawx mal-Artikoli 60, 61 u 62 imma jipprovdu ċertu stabbiltà fir-rigward tal-prestazzjoni agronomika tagħhom,

b) Varjetajiet b' multikomponenti derivati mid-dakkir miftuħ (polycross) ta' sett definit ta' linji ġenitur li ma jikkonformawx mal-Artikoli 60, 61 u 62 imma jipprovdu ċertu stabbiltà fir-rigward tal-prestazzjoni agronomika tagħhom,

c) Varjetajiet imdakkra miftuħa u popolazzjonijiet ta' speċijiet kompletament jew parzjalment ibridi li ma jikkonformawx mal-Artikoli 60, 61 u 62 imma jipprovdu ċertu stabbiltà fir-rigward tal-prestazzjoni agronomika tagħhom,

d) L-inkroċjar tal-popolazzjoni bejn popolazzjonijiet imdakkra miftuħa jew varjetajiet imdakkra miftuħa b'livell għoli ta' eteroġenità,

e) Popolazzjonijiet ibridi komposti derivati minn inkroċjar ta' linji parentali u evoluti f'ċertu ambjent b'livell għoli ta' eteroġenità u plastiċità għolja meħtieġa għall-adattament għall-kundizzjonijiet ambjentali li jinbidlu.

2) Il-materjal eteroġenju jinkiseb permezz ta' metodi li jirrispettaw l-ostakoli naturali tal-inkroċjar.

*3) Id-disponibbiltà fis-suq ta' materjal eteroġenju għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tat-**Titolu III tal-Parti III** ta' dan l-att.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex isir progress fit-tmissil ta' popolazzjonijiet/varjetajiet ġenetikament diversi, ir-reġistrazzjoni tal-materjal eteroġenju m'għandhiex titħalla għall-atti delegati li jistgħu jirrestringuha għal ċertu ġeneri/speċijiet jew iwasslu għal regoli dwar l-imballaġġ li jfixklu l-promozzjoni tal-bijodiversità. Il-lista tippermetti r-reġistrazzjoni tal-firxa sħiħa ta' materjal eteroġenju użat fil-biedja.

Emenda 238
Christa Klauß

**Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14a

Sa [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta fejn għandhom jiġu definiti d-dispożizzjonijiet relatati mal-provvista ta' materjal eteroġenju ta' ċerti ġeneri jew speċijiet fis-suq.

Din il-proposta għandha tispeċifika dan li ġej:

(a) il-ġeneri jew speċijiet, li għalihom jista' japplika dan l-Artikolu;

(b) ir-rekwiżiti dwar it-tikkettar u l-ippakkjar tal-materjali eteroġenji;

(c) il-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq, waqt li jiġi żgurat li dawn il-kundizzjonijiet ma jostakolawx ir-reġistrazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjali eteroġenji.

Or. de

Emenda 239

Corinne Lepage, Satu Hassi, Karin Kadenbach, Andrea Zanoni

**Proposta għal regolament
Artikolu 15**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15

imħassar

Rekwiżit li jrid ikun jappartjeni għal kloni reġistrati

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għal klonu jista' jiġi prodott u jsir disponibbli fis-suq biss jekk dak il-

***klonu jkun irregiſtrat f'regiſtru
nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-
Artikolu 51 jew fir-regiſtru tal-varjetajiet
tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din mhix konsistenti mad-definizzjoni ta' klonu f'dan l-istess abbozz ta' regolament. Klonu hu kunċett botaniku li jindika biss għadd ta' pjanti derivati minn pjanta oħra permezz tal-multiplikazzjoni tal-pjanti, u għaldaqstant kollha huma ġenetikament identiċi u ma jintgħarfux.

**Emenda 240
Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament
Artikolu 15**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15

imħassar

***Rekwiżit li jrid ikun jappartjeni għal kloni
reġistrati***

***Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li
jappartjeni għal klonu jista' jiġi prodott u
jsir disponibbli fis-suq biss jekk dak il-
klonu jkun irregiſtrat f'regiſtru
nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-
Artikolu 51 jew fir-regiſtru tal-varjetajiet
tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din mhix konsistenti mad-definizzjoni ta' klonu f'dan l-istess abbozz ta' regolament. Klonu hu kunċett botaniku li jindika biss għadd ta' pjanti derivati minn pjanta oħra permezz tal-multiplikazzjoni tal-pjanti, u għaldaqstant kollha huma ġenetikament identiċi u ma jintgħarfux.

Emenda 241

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15

imħassar

***Ir-rekwiżit li jrid ikun jappartjeni għal
kloni reġistrati***

***Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li
jappartjeni għal klonu jista' jiġi prodott u
jsir disponibbli fis-suq biss jekk dak il-
klonu jkun irreġistrat f'reġistru
nazzjonali tal-varjetajiet imsemmi fl-
Artikolu 51 jew fir-reġistru tal-varjetajiet
tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 52.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

*Varjetajiet rari jew qodma jistgħu jirrappreżentaw kloni li ma kinux obligatorjament
irreġistrati u li għandhom jiġu rreġistrati.*

Emenda 242

Satu Hassi, Karin Kadenbach

**Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15a

***Id-disponibbiltà fis-suq tal-materjal
eteroġenju***

***1. Materjal riproduttiv tal-pjanti jista'
jkun magħmul disponibbli fis-suq bħala
materjal eteroġenju, u rreġistrat f'reġistru
ta' varjetajiet nazzjonali kif imsemmi fl-
Artikolu 51 abbażi ta' deskrizzjoni
rikonoxxuta uffiċjalment. Dan jinkludi***

fost l-oħrajn

a) Landraces, varjetajiet tal-konservazzjoni jew għażliet minnhom li ma jikkonformawx mal-Artikoli 60, 61 u 62 imma jipprovdu ċertu stabbiltà fir-rigward tal-prestazzjoni agronomika tagħhom,

b) varjetajiet b'multikomponenti derivati mid-dakkir miftuħ (polycross) ta' sett definit ta' linji ġenitur li ma jikkonformawx mal-Artikoli 60, 61 u 62 imma jipprovdu ċertu stabbiltà fir-rigward tal-prestazzjoni agronomika tagħhom,

c) Varjetajiet imdakkra miftuħa u popolazzjonijiet ta' speċijiet kompletament jew parzjalment ibridi li ma jikkonformawx mal-Artikoli 60, 61 u 62 imma jipprovdu ċertu stabbiltà fir-rigward tal-prestazzjoni agronomika tagħhom,

d) L-inkroċjar tal-popolazzjoni bejn popolazzjonijiet imdakkra miftuħa jew varjetajiet imdakkra miftuħa b'livell għoli ta' eteroġenità,

e) Popolazzjonijiet ibridi komposti derivati minn inkroċjar ta' linji parentali u evoluti f'ċertu ambjent b'livell għoli ta' eteroġenità u plastiċità għolja meħtieġa għall-adattament għall-kundizzjonijiet ambjentali li jinbidlu.

2. Il-materjal eteroġenju jinkiseb permezz ta' metodi li jirrispettaw l-ostakoli naturali tal-inkroċjar.

*3. Id-disponibbiltà fis-suq ta' materjal eteroġenju għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tat-*Titolu III* ta' dan l-att.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex isir progress fit-tnissil ta' popolazzjonijiet/varjetajiet ġenetikament diversi, ir-reġistrazzjoni tal-materjal eteroġenju m'għandhiex titħalla għall-atti delegati li jistgħu jirrestrinġu għal ċertu ġeneri/speċijiet jew iwasslu għal regoli dwar l-imballaġġ li jfixklu l-promozzjoni tal-bijodiversità. Il-lista tippermetti r-reġistrazzjoni tal-firxa sħiħa ta' materjal

eteroġenju użat fil-biedja.

Emenda 243

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

**Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15a

Rekwiżiti għall-Varjetajiet ta' Suq Niċċa

1) Il-materjal riproduttiv tal-pjanti jista' jittqiegħed fis-suq bħala varjetajiet ta' suq niċċa abbażi ta' deskrizzjoni rikonossuta uffiċjalment fejn:

(a) il-varjetajiet jew il-landraces ikkonċernati m'għandhom l-ebda valur intrinsiku għall-produzzjoni tal-għelejjel kummerċjali, imma ġew żviluppati għat-tkabbir taħt kundizzjonijiet partikolari. Varjetà għandha titqies li ġiet żviluppata għat-tkabbir taħt kundizzjonijiet partikolari jekk tkun ġiet żviluppata għat-tkabbir taħt kundizzjonijiet partikolari agrotekniċi, klimatiċi jew pedoloġiċi, bħal kura manwali jew ħsad ripetut.

(b) it-tikketta tiegħu tkun turi "materjal ta' suq niċċa".

2) Il-persuni li jipproduċu materjal ta' suq niċċa għandhom iżommu rekords tal-kwantitajiet tal-materjal li jiġi prodott u li jsir disponibbli fis-suq, skont il-ġeneri, l-ispeċijiet jew it-tip ta' materjal. Meta jintalbu, dawn għandhom jagħmlu dawn ir-rekords disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti.

3) Il-varjetajiet ta' suq niċċa għandhom jinbiegħu fi kwantitajiet mhux ikbar minn dawk suffiċjenti biex jinżerġu jew jitħawlu 0.25 ettari ta' art bir-rati normali taż-żriġh jew tat-tħawwil għall-ispeċijiet ikkonċernati.

Emenda 244

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rekwiżiti ***tal-produzzjoni u l-kwalità*** għall-materjal riproduttiv tal-pjanti

Ir-rekwiżiti ***tal-kwalità*** għall-materjal riproduttiv tal-pjanti

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-produzzjoni mhijiex parti mil-linji gwida li huma koperti b'dan ir-Regolament.

Emenda 245

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti ***għandu jiġi prodott skont ir-rekwiżiti tal-produzzjoni stabbiliti fil-Parti A tal-Anness II u għandu*** jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II.

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti ***li jkun għaddej minn ċertifikazzjoni uffiċjali jista'*** jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti tal-Anness II għandhom japplikaw biss għall-materjal li jkun għaddej minn ċertifikazzjoni uffiċjali.

Emenda 246

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Il-materjal riproduttiv tal-pjanti għandu jiġi prodott skont ir-rekwiżiti tal-produzzjoni stabbiliti fil-Parti A tal-Anness II u għandu jsir** disponibbli fis-suq biss jekk **dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti** tal-kwalità stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II.

Emenda

1. **Iż-żerriegħa u ż-żerriegħa tal-patata għandhom isiru** disponibbli fis-suq biss jekk **dawn ikunu jissodisfa ir-rekwiżiti** tal-kwalità stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 16 mhumiex applikabbli għas-setturi tal-frott u tad-dwieli. Il-frott u d-dwieli jvarjaw ħafna miż-żerriegħa fil-karatteristiċi tagħhom, u b'hekk l-istess regoli ma jistgħux japplikaw għas-setturi rilevanti. Dan l-Artikolu juri l-limitazzjonijiet tal-fużjoni ta' tnaix-il Direttiva settorjali f'Regolament wieħed. L-espressjoni "iż-żerriegħa u ż-żerriegħa tal-patata" għandha tissostitwixxi l-espressjoni "Il-materjal riproduttiv tal-pjanti" fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 16.

Emenda 247

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti **għandu jiġi prodott skont ir-rekwiżiti tal-produzzjoni stabbiliti fil-Parti A tal-Anness II** u għandu jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II.

Emenda

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti, **li jkun ġie rreġistrat uffiċjalment u li jgħaddi minn proċess ta' ċertifikazzjoni**, għandu jsir disponibbli fis-suq biss jekk dan ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II.

Or. de

Emenda 248
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Waqt l-ipproċessar, l-ippakkjar, il-ħażna, it-trasport jew it-twassil, il-lottijiet tal-materjal riproduttiv tal-pjanti jistgħu jinqasmu f'żewġ lottijiet jew aktar. F'dan il-każ, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu rekords dwar l-oriġini tal-lottijiet il-ġodda.

Emenda

3. Waqt l-ipproċessar, l-ippakkjar, il-ħażna, it-trasport jew it-twassil, il-lottijiet tal-materjal riproduttiv tal-pjanti jistgħu jinqasmu f'żewġ lottijiet jew aktar. F'dan il-każ, l-operaturi professjonisti għandhom iżommu rekords dwar l-oriġini tal-lottijiet il-ġodda ***ħlief meta ma jkunx hemm iżjed minn intermedjarju wieħed bejn il-produttur u l-utent u l-operaturi professjonisti kollha kkonċernati jfornu l-istess swieq lokali jew reġjonali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Neħtieġu distinzjoni bejn katini ta' distribuzzjoni twal u qosra. B'hekk il-lottijiet fornuti permezz ta' katini qosra għandhom jiġu eżentati mill-piż burokratiku, u m'għandux ikun hemm l-obbligu li jinqasmu.

Emenda 249
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat ***għandu*** jiġi ċċertifikat u identifikat permezz ta' tikketta uffiċjali ("tikketta uffiċjali").

Emenda

1. Il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat ***jista'*** jiġi ċċertifikat u identifikat permezz ta' tikketta uffiċjali ("tikketta uffiċjali").

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tikkettar obligatorju jikser il-libertà tal-operaturi li jsegwu attività ekonomika. Huma biss l-operaturi li għandhom jiddeċiedu jekk l-ewwel jiċċertifikawx, jew it-tieni jidentifikawx il-materjal riproduttiv tal-pjanti tagħhom permezz ta' tikketta uffiċjali, tikketta tal-operaturi jew anke tikketta mhux regolata li mhix rikonoxxuta minn xi korp uffiċjali.

Emenda 250

João Ferreira

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat **għandu** jiġi ċċertifikat u identifikat permezz ta' tikketta uffiċjali ("tikketta uffiċjali").

Emenda

1. Il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat **jista'** jiġi ċċertifikat u identifikat permezz ta' tikketta uffiċjali ("tikketta uffiċjali").

Or. pt

Emenda 251

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Din iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni japplikaw għal dawk il-varjetajiet li huma rreġistrati fir-reġistru Ewropew tal-varjetajiet. Marki nazzjonali, jew sistemi ta' ċertifikazzjoni huma madankollu permessi, mingħajr preġudizzju għal xi wieħed minnhom.

Or. de

Emenda 252

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Dan l-Artikolu m'għandu taħt l-ebda ċirkostanzi jipprevjeni l-użu ta' tikketti nazzjonali jew privati u skemi ta' ċertifikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tikkettar obligatorju jikser il-libertà tal-operaturi li jsegwu attività ekonomika. Huma biss l-operaturi li għandhom jiddeċiedu jekk l-ewwel jiċċertifikawx, jew it-tieni jidentifikawx il-materjal riproduttiv tal-pjanti tagħhom permezz ta' tikketta uffiċjali, tikketta tal-operaturi jew anke tikketta mhux regolata li mhix rikonoxxuta minn xi korp uffiċjali.

Emenda 253

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Dan l-Artikolu japplika għall-patata u għal speċijiet li jitkabbru fuq iżjed minn 5 % tal-erja agrikola totali fl-Unjoni. Dawn l-ispeċijiet huma elenkati fl-Anness Ia.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proċeduri burokratiċi li huma iżjed proporzjonati għall-ħtiġijiet tal-operaturi. L-Artikolu 20 jimponi ħafna burokrazija fuq l-operaturi. Dan il-livell ta' burokrazija huwa ġġustifikat bħala mezz li jiżgura l-produzzjoni tal-ikel. L-Artikolu 20 għandu jiġi limitat għall-ispeċijiet li effettivament huma meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà tal-ikel. Dan jista' fl-istess ħin jiżviluppa diversità fl-ikel fost l-ispeċijiet li mhumiex fl-Anness I.

Emenda 254
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. It-tikketta uffiċjali **u t-tikketta tal-operatur** għandu jkun **fihom** l-informazzjoni stabbilita fil-Parti A tal-Anness III.

Emenda

1. It-tikketta uffiċjali għandu jkun **fiha** l-informazzjoni stabbilita fil-Parti A tal-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti bħad-daqs tal-imballaġġ ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell tal-UE. Dawn huma differenti f'kull pajjiż u għandhom jibqgħu hekk għall-materjal standard. Għalhekk l-espressjoni “Tikketta tal-operatur” għandha titħassar.

Emenda 255
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 140, li jistabbilixxu regoli, apparti r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2, għat-tikketti uffiċjali **u t-tikketti tal-operaturi**. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikollhom x'jaqsmu ma' wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 140, li jistabbilixxu regoli, apparti r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2, għat-tikketti uffiċjali. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikollhom x'jaqsmu ma' wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti bħad-daqs tal-imballaġġ ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell tal-UE. Dawn huma differenti f'kull pajjiż u għandhom jibqgħu hekk għall-materjal standard. Għalhekk l-espressjoni “Tikketti tal-operaturi” għandha titħassar.

Emenda 256
Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni permezz tal-atti ta' implimentazzjoni għandha tadotta l-format(i) tat-tikketta uffiċjali ***u tat-tikketta tal-operatur***. Dawn il-formati jistgħu jiġu adottati skont il-ġeneri jew l-ispeċijiet. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 141(3).

Emenda

7. Il-Kummissjoni permezz tal-atti ta' implimentazzjoni għandha tadotta l-format(i) tat-tikketta uffiċjali. Dawn il-formati jistgħu jiġu adottati skont il-ġeneri jew l-ispeċijiet. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 141(3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rekwiżiti bħad-daqs tal-imballaġġ ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell tal-UE. Dawn huma differenti f'kull pajjiż u għandhom jibqgħu hekk għall-materjal standard. Għalhekk l-espressjoni "Tikketti tal-operatur" għandha titħassar.

Emenda 257
James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-awtorità kompetenti, ***jekk jitlobha l-operatur professjonist, jew jekk l-operatur professjonist ikkonċernat ma jkunx awtorizzat skont l-Artikolu 23.***

Emenda

(b) l-awtorità kompetenti;

Or. en

Emenda 258
Corinne Lepage

Proposta għal regolament
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Or. en

Emenda 259
Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Or. de

Emenda 260
James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-operaturi professjonisti jistgħu jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti biex jagħmlu ċertifikazzjoni u jgħolqu t-tikketti uffiċjali bis-superviżjoni uffiċjali, kif jissemma fil-punt (a) tal-Artikolu 22, diment biss li dawn ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet **li ġejjin:**

1. L-operaturi professjonisti jistgħu jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti biex jagħmlu **attivitajiet ta'** ċertifikazzjoni u **biex** jgħolqu **u jwaħħlu** t-tikketti uffiċjali bis-superviżjoni uffiċjali, kif jissemma fil-punt (a) tal-Artikolu 22, diment biss li dawn ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet **rilevanti għall-attività partikolari;**

Or. en

Emenda 261

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata għal kull ġeneru jew speċi, jew għal uħud partikolari.

Emenda

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata għal kull ġeneru jew speċi, jew għal uħud partikolari, ***kategoriji ta' materjal riproduttiv tal-pjanti jew attivitajiet.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet huma kapaċi jiddeċiedu liema speċijiet, kategoriji u attivitajiet għandhom jippermettu taħt superviżjoni uffiċjali

Emenda 262

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-akkreditazzjoni tal-attività sħiħa tal-operatur professjonist fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, abbażi tal-assigurazzjoni tal-kwalità akkreditata esternament u tan-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha jew uħud minnhom tal-paragrafi 2 u 3;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' dan l-Artikolu addizzjonali huwa li jippermetti l-iżvilupp futur ta' approċċi ġodda għaċ-ċertifikazzjoni tal-PRM li mhumiex ibbażati totalment fuq ir-rekwiżiti dettaljati tal-paragrafi 2 u 3

Emenda 263

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta t-tikketti uffiċjali joħolquhom l-awtoritajiet kompetenti, kif jissemma fil-punt (b) tal-Artikolu 22, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet kollha meħtieġa skont l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni, adottati skont l-Artikolu 20(2), sabiex **jikkonfermaw konformità** mar-rekwiżiti **tal-produzzjoni u l-kwalità** adottati skont l-Artikolu 16(2).

Emenda

Meta t-tikketti uffiċjali joħolquhom l-awtoritajiet kompetenti, kif jissemma fil-punt (b) tal-Artikolu 22, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet kollha meħtieġa skont l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni, adottati skont l-Artikolu 20(2), sabiex **tiġi ċċertifikata l-konformità** mar-rekwiżiti **tal-kwalità** adottati skont l-Artikolu 16(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-PRM. Mhux dejjem huwa ċar jekk il-ħsad kollu jew parti minnu għandux jintuża bħala PRM, jew jinbiegħ bħala ikel jew għalf, f'liema każ tal-aħħar m'għandhomx japplikaw ir-restrizzjonijiet. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-regoli ristrettivi m'għandhomx japplikaw għall-produzzjoni tat-tipi kollha tal-PRM.

Emenda 264

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta t-tikketti uffiċjali joħolquhom l-awtoritajiet kompetenti, kif jissemma fil-punt (b) tal-Artikolu 22, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet kollha meħtieġa skont l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni, adottati skont l-

Emenda

Meta t-tikketti uffiċjali joħolquhom l-awtoritajiet kompetenti, kif jissemma fil-punt (b) tal-Artikolu 22, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet kollha meħtieġa skont l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni, adottati skont l-

Artikolu 20(2), sabiex **jikkonfermaw konformità** mar-rekwiżiti **tal-produzzjoni u l-kwalità** adottati skont l-Artikolu 16(2).

Artikolu 20(2), sabiex **tiġi ċċertifikata l-konformità** mar-rekwiżiti **tal-kwalità** adottati skont l-Artikolu 16(2).

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-produzzjoni mhijiex parti mil-linji gwida li huma koperti b'dan ir-Regolament.

Emenda 265

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

In-notifika **tal-produzzjoni** maħsuba **u ċ-ċertifikazzjoni** tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat

Emenda

In-notifika **taċ-ċertifikazzjoni** maħsuba **b'tikketta uffiċjali** tal-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttivi eżistenti ma jirregolawx il-produzzjoni tal-PRM, għaliex l-użu iżjed tard tal-materjali (PRM, ikel, għalf) mhux dejjem ikun magħruf bil-quddiem. Barra minn hekk, biex tiġi evitata l-konfużjoni, għandu jiġi ċċarat li l-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat huma l-uniċi kategoriji li għandhom jitqiesu għall-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-regoli ristrettivi m'għandhomx japplikaw għall-produzzjoni tat-tipi kollha tal-PRM.

Emenda 266

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

In-notifika **tal-produzzjoni** maħsuba **u ċ-ċertifikazzjoni** tal-materjal prebażiku,

Emenda

In-notifika **taċ-ċertifikazzjoni** maħsuba tal-

Emenda 267

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi professjonisti għandhom jinfurmaw f'waqtu lill-awtoritajiet kompetenti bil-ħsieb tagħhom li **jipproduċu** materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun prebażiku, bażiku u ċertifikat, **u li jagħmlu ċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(1)**. Din in-notifika għandha tiddikjara l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-pjanti kkonċernati.

Emenda

L-operaturi professjonisti għandhom jinfurmaw f'waqtu lill-awtoritajiet kompetenti bil-ħsieb tagħhom li **jitolbu ċertifikazzjoni ta'** materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun prebażiku, bażiku u ċertifikat, **skont l-Artikolu 19(1)**. Din in-notifika għandha tiddikjara l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-pjanti kkonċernati.

Emenda 268

Satu Hassi, Karin Kadenbach

**Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

It-tikketti tal-operatur għandu jagħmilhom u jwajhalhom l-operatur professjonist wara li bl-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet li jkun għamel, ikun ivverifika li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun konformi **mar-rekwiżiti tal-produzzjoni u l-kwalità kif jissemma fl-Artikolu 16**.

Emenda

It-tikketti tal-operatur għandu jagħmilhom u jwajhalhom l-operatur professjonist wara li bl-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet li jkun għamel, ikun ivverifika li l-materjal riproduttiv tal-pjanti **huwa adattat għall-għan tiegħu u l-karatteristiċi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti** jkun konformi **mal-indikazzjonijiet fuq it-tikketta**.

Ġustifikazzjoni

Fir-Regolament propost, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tikketti tal-operaturi huma bbażati fuq ir-rekwiżiti li jikkonċernaw it-tikketti uffiċjali. Minflok, għandu jkun hemm dispożizzjonijiet li ġenwinament itejbu t-tikketti tal-operaturi u dawn għandu jkun fihom speċifikazzjonijiet adegwati.

Emenda 269

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

It-tikketti *tal-operatur għandu jagħmilhom u jwāhhāhom l-operatur professjonist* wara li bl-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet li ***jkun għamel, ikun ivverifika*** li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun konformi mar-rekwiżiti ***tal-produzzjoni u l-kwalità*** kif jissema fl-Artikolu 16.

Emenda

It-tikketti *tal-operaturi għandhom jagħmluhom u jwāhhluhom l-operaturi professjonisti* wara li bl-ispezzjonijiet, it-teħid tal-kampjuni u t-testijiet li ***jkunu għamlu, ikunu vverifikaw*** li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun konformi mar-rekwiżiti ***tal-kwalità*** kif jissema fl-Artikolu 16.

Or. de

Emenda 270

Satu Hassi, Karin Kadenbach

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. It-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur għandhom isiru b'referenza għal lott. Dawn għandhom jitwāhhlu, meta ***applikabbli***, ma' pjanti individwali jew fuq barra tal-pakketti, kontenituri jew qatgħat.

Emenda

1. It-tikketta uffiċjali u t-tikketta tal-operatur għandhom isiru b'referenza għal lott. ***It-tikketta tal-operaturi għandha ssir b'referenza għal lott biss jekk il-lott ikkonċernat huwa ikbar minn dak li tipikament huwa meħtieġ biex jiġi kkultivat ettaru wieħed.*** Dawn għandhom jitwāhhlu, meta ***meħtieġ***, ma' pjanti individwali jew fuq barra tal-pakketti, kontenituri jew qatgħat.

Ġustifikazzjoni

It-tikketti tal-operaturi għandhom ikunu proporzjonati. Fil-proposta m'hemmx distinzjoni bejn it-tikketti uffiċjali u tal-operaturi, biex b'hekk jeżistu rekwiżiti sproporzjonati għat-tikketti tal-operaturi. Billi potenzjalment jista' jkun hemm kwantitajiet żgħar ħafna, ir-regoli għandhom japplikaw biss għal-lottijiet li huma ta' daqs raġonevoli.

Emenda 271

Satu Hassi, Karin Kadenbach

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Jekk lott jinqasam f'bosta lottijiet, għandha tinħareġ tikketta uffiċjali ġdida jew tikketta tal-operatur ġdida għal kull lott. Jekk bosta lottijiet jingħaqdu f'lott wieħed ġdid, għandha tinħareġ tikketta uffiċjali jew tal-operatur ġdida għal dak il-lott il-ġdid.

Emenda

2. Jekk lott jinqasam f'bosta lottijiet, għandha tinħareġ tikketta uffiċjali ġdida jew tikketta tal-operatur ġdida għal kull lott. Jekk bosta lottijiet jingħaqdu f'lott wieħed ġdid, għandha tinħareġ tikketta uffiċjali jew tal-operatur ġdida għal dak il-lott il-ġdid. ***Dawn ir-rekwiżiti m'għandhomx japplikaw għaċ-ċirkolazzjoni lokali tal-materjal riproduttiv tal-pjanti.***

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni proposta tqis biss l-approċċ agroindustrijali fuq skala kbira. Imma l-iskambju lokali, fejn it-traċċabilità tista' tinkiseb b'mod faċli, għandu jiġi eskluż mir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-qsim tal-lottijiet.

Emenda 272

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Testijiet wara ċ-ċertifikazzjoni għall-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat

Emenda

Testijiet wara ċ-ċertifikazzjoni għall-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat ***b'tikketta uffiċjali***

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx biżżejjed ċarezza li t-tikketti uffiċjali jikkonċernaw biss il-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat. Għandu jiġi ċċarat li t-tikketta uffiċjali tikkonċerna biss il-materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat. Jiġi introdott it-terminu "b'tikketta uffiċjali" fit-titolu tal-Artikolu 30.

Emenda 273

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Wara ċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu testijiet fuq il-materjal riproduttiv tal-pjanti (minn hawn 'il quddiem: "testijiet wara ċ-ċertifikazzjoni") biex jikkonfermaw li dan huwa konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità kif jissemmew fl-Artikolu 16(2) u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni adottati skont l-Artikolu 20(2).

Emenda

1. Wara ċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu testijiet fuq il-materjal riproduttiv tal-pjanti (minn hawn 'il quddiem: "testijiet wara ċ-ċertifikazzjoni") biex jikkonfermaw li dan huwa konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità kif jissemmew fl-Artikolu 16(2) u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni adottati skont l-Artikolu 20(2). ***Testijiet wara ċ-ċertifikazzjoni tal-ġenerazzjoni preċedenti jistgħu jintużaw bħala kontroll minn qabel għall-ġenerazzjoni li jmiss.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kontroll minn qabel bħala parti mill-assigurazzjoni tal-kwalità għall-ġenerazzjoni li jmiss u t-testijiet wara ċ-ċertifikazzjoni biex tiġi mmonitorjata l-kwalità tal-materjal iċċertifikat mibjugħ għall-produzzjoni tal-għeġġel

Emenda 274

Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 140, li jistabbilixxu regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni wara t-testijiet ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għal ġeneri jew speċijiet partikolari. Dawn ir-regoli għandhom iqisu l-iżvilupp fl-għarfien xjentifiku **u** tekniku. ***Dawn jista' jkollhom x'jaqsmu ma' dawn li ġejjin:***

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 140, li jistabbilixxu regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni wara t-testijiet ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li jappartjeni għal ġeneri jew speċijiet partikolari. Dawn ir-regoli għandhom iqisu l-iżvilupp fl-għarfien xjentifiku **jew** tekniku.

Or. de